**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 390/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-Vs-**

**Omissis;**

**David Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 475573M**

**Illum:** 17 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Omissis[1] u David Pace, u cioe` talli:

> Nhar il-15 ta' Dicembru, 2017, u fil-granet u xhur ta qabel din id-data, gewwa l-Mosta u limiti taghha, f'dawn il-gzejjer, zammew annimali, zammew annimali ghall-ghan li jipproducu prodotti tal-annimali u zammew annimali marbutin, f'bini, f' imqajjel, f' gageg jew postijiet ohra ta' din ix-xorta sakemm ma jappartjenux f' kull ispecje jew kategorija ta' annimali kif jigi stabbilit f' regolamenti preskritti taht l-Att tat-Trattament Xieraq tal-Annimali;

[1] Separazzjoni tal-gudizzju skond digriet tal-25 ta' Lulju, 2018.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni risponsabbli li jzommu jew li qablu li zzommu l-annimali, hallew annimali jigu mgieghla jsofru wgiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni risponsabbli li jzommu jew li qablu li jzommu l-annimali, ma kienux responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni risponsabbli li jzommu jew li qablu li zzommu l-annimali, kellhom jieħdu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' annimal li huma responsabbli għalihom, jew li qablu li jieħdu ħsiebhom, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imgieba normali taghhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korrimenti u mard;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni risponsabbli li jzommu jew li qablu li zzommu l-annimali, zammew klieb t' erba xhur jew aktar minghajr licenzja;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni risponsabbli li jzommu jew li jaqblu li jzommu l-annimali, ma avzawx fi zmien sebat ijiem meta kelb li jkollu licenzja jmut jew jigi trasferit minn sidu jew mid-detentur tieghu;

**<u>Lil David Pace wahdu;</u>**

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi ghas-servizz pubbliku, filwaqt li kienu inkarigati skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienu qieghed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija lilhom skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta':

PS1030 Clinton Theuma (certifikat minn Dr. M. Baldacchino 3556);
PC1391 Matthew Camilleri (certifikat minn Dr. Julian Grima 3589);
PC1455 Daniel Frendo (certifikat minn Dr. Julian Grima 3589);
PS691 Juan Mula Debono (certifikat minn Dr. Amalia Camilleri Bonello 2541);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D., fl-24 ta' April, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-pieni, tordna li jithallsu l-ispejjes imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni u/jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta'kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attivita regolata taht l-att dwar it-trattament xieraq ta l-annimali u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

**Duncan Chetcuti Ganado**, *senior veterinary officer* fi hdan il-Veterinary Regulations Directorate, kkonferma l-kwerela li ntbghatet lill-pulizija.[2]

Mill-**Current Incident Report** jirrizulta li meta ufficjali tal-pulizija mid-divizjoni tal-Administrative Law Enforcement (aktar il-quddiem issir riferenza ghaliha bhala 'ALE), kienu qed isegwu *eviction order* tal-art li kienet ghand l-imputati, sabu diversi annimali fosthom dundjani w zwiemel fi stat hazin. Sar kuntatt ma David Pace biex imur fuq il-post u jiehu l-affarijiet tieghu izda dan beda jhedded u jinsulenta l-ufficjal tal-pulizija li rrediga l-istess rapport u cioe`

[2] Fol. 154. Vide **Dok.NV1** a fol.32-35

lil PS1141 Noel Tanti. Hekk kif bdew jitghabbew l-annimali biex jittiehdu minn fuq il-post, wasal l-imputat li beda jsabbat mal-windscreen u jobzoq. Pulizija mill-Mounted Section ippruvaw iwaqqfuh u **Pace qabad lil PS1167 minn ghonqu.** Dan wassal sabiex jigi arrestat. PS691 safa' migdum.[3] Ir-rapport gie kkonfermat minn PS1141.[4]

**L-Ispettur Colin Sheldon** ipprezenta lista[5] li tindika ghand min gew *fostered* 14 il-kelb li ttiehdu mir-razzett tal-imputat. Gie prezentat ukoll rendikont ta' spejjez[6] inkorsi mill-Lands Department ghall-perjodu mill-15 ta' Dicembru, 2017, sal-ahhar ta' Lulju, 2018, fl-ammont ta' €12, 721.30.[7]

Fl-**istqarrija** tieghu David Pace issemmi kif kien ha razzett il-Bizbizija izda ftit wara gie infurmat mill-Lands Department li kien ser ikollu johrog minn go fih. Semma' kif kienet saret spezzjoni mill-animal welfare li gibdulu l-attenzjoni li kellu xi zwiemel maghlubin, **klieb mhux iccipjati** u biex jalef bi *dry food*. Kien qed jalef minn butu. Dakinhar tal-incident kien ircieva telefonata xi 7.30am biex jitla' l-Bizbizija peress li missieru, Omissis, kien qed jaghmel xi storbju. Qalilhom li ried ikellem lill-avukat tieghu. Ftit wara cemplulu mill-ghassa tal-Mosta fejn nfurmawh li missieru kien qed jaghmel kjass. Baqa' sejjer il-Bizbizija u x'hin wasal sab Isuzu abjad hiereg u tefa' quddiemu biex ma johrogx mit-triq biex jara x'kien qed jigri. Jghid li ppanikja x'hin ra l-pulizija jhabbtu lill-missieru mal-hajt. Il-pulizija daruh bdew jilwewlu idejh u jaghtuh daqqiet fuq dahru u bil-ponn fuq widenejh kif ukoll jhedduh li ser joqtluh. Quddiem ibnu w ommu sabbtuh mal-van waqt li kien immanetjat.[8] Filwaqt li nnega li aggredixxa xi pulizija qal li kellu griehi f'rasu, ilsienu, dahru, widnejh u l-warrani.[9]

Jikkonferma li r-razzett tal-Bizbizija kien gestit minnu u kien mar hemm wara li ntbghat minn Kastilja *"qalli biex immur il-bizbizija...sakemm jitrangaw l-affarijiet jew ituni post alternattiv min fejn naqla l-ghixien tieghi. Nghid li jiena mort il-Bizbizija u sadanittant jien kelli applikazzjoni ohra ghall-razzett gewwa tal-Providenza, s-Siggiewi.....meta jien kont qieghed il-Bizbizija, gew tal-lands....qalluli biex nohrog il-barra ....ma kelliex post fejn immur"*[10].

**Donald Gouder**, *senior manager, enforcement and compliance*, fi hdan il-Lands Authority, ikkonferma dikjarazzjoni li kien rrilaxxa mal-Ispettur Vella. *"Gejt*

---

[3] Fol.13
[4] Kopja ohra esebita mix-xhud **Dok.NT** a fol. 326 et seq.
[5] **Dok.CS** a fol. 184
[6] **Dok.CS1** a fol. 185-211
[7] Fol.182
[8] Fol.20-21
[9] Fol.21
[10] Fol.20

*moghti struzzjonijiet biex nevakwaw post gewwa l-Bizbizija u gejt inkarigat minn dan il-kaz, u bdejt, ghajjat meeting fejn iltqajt mad-Direttur tal-Animal Welfare, Maggur tal-ALE ghal bon ordni u haddiema tal-Gvern biex jassistuna biex inkunu nistghu nidhlu u jghinuna fl-evakwazzjoni. Dak inhar tal-kaz, laqqajt lil kull min kien involut mhux fuq il-post dirett, tajthom briefing zghir x'se jigri u wara li spiccajna l-briefing morna lejn il-post biex nidhlu u niehduh lura...... eviction order giet servuta f'Marzu ta' 2017 fejn kien hemm is-sinjur David Pace.".*[11] Fid-dikjarazzjoni[12] rrilaxxata minnu Gouder, issemmi kif meta habbtu fuq il-bieb tar-razzett, anzjan li fethilhom qalilhom li ma kellux cavetta tal-grada u ghalhekk hu ordna li tinqata' l-katina. Kif l-anzjan, Omissis, ra hekk hareg cavetta mill-but izda qal li ma setghax jiftah. Hekk kif hu, Gouder, taha ordni biex tinqata' l-katina, Omissis <u>tilef il-kontroll u beda jhabbat rasu ma' kaxxa tad-dawk kif ukoll ma' cint</u> u ghaldaqstant kellu jigi immanetjat. Meta waqghat il-kalma, cempel lil David Pace u s-surgent qallu jmur fuq il-post. Peress li qal li kien ser ikellem lill-avukat tawh 30 nofs siegha cans u meta s-surgent rega' cempillu baqghu minghajr risposta. Sa dak il-hin, u peress li id-darba ta' qabel kienu gew mhedda minn Omissis li kien ser jispara ghal fuqhom, wasslu aktar pulizija minn naha tal-Rapid Intervention Unit (aktar il-quddiem issir riferenza ghaliha bhala 'RIU'). Bdew jahdmu u ra li l-pulizija tal-kavallerija ghabbew l-ewwel zewg zwiemel u telqu minn fuq il-post, izda ftit sekondi wara, gie pulizija li nfurmahom li persuna b'*pick up* kien saq ghal fuqhom. *"ipprocedejt ghal kantuniera biex nara x'inhu jigri u rajt il-vann tal-kavallerija wieqaf ghax quddiemu kien hemm vann li kien qed jimblokka t-triq, li kellu z-zewg bibien miftuhin.* ***Hin minnhom rajt lil David Pace hdejn il-bieba tal-vann tal-pulizija tal-kavallerija u x-xih b'gebla f'idu, jien rajt il-pulizija jikkontrollaw is-sitwazzjoni".***[13]

**Noel Montebello**, Direttur fi hdan l-*Animal Welfare Department,* irrakonta kif kien dahal rapport f'Lulju, 2017, li l-imputati kienu qed izommu annimali mhux f'kundizzjoni tajba. Sabu ammont ta' zwiemel u klieb li ma kienux f'qaghda tajba.[14] Jispjega *"l-klieb ikollhom body score ta' one over 5, jigifieri bazikament* ***ikunu ghadma. Ma jkunux qed jigu mitmughin. Kienu marbutin b'ktajjen, jigifieri ikollhom bruises li ma jkunux jittiehdu ghand veterinarju biex jikkurahom..... On leash, tkun qasira u katina tkun****, jigifieri nsibu dawk il-problemi kolha. Fil-fatt ahna ntellghu dejjem il-veterinarju taghna dejjem biex jara fuq il-post u fil-fatt anke ghamel rapporti issa diversi fejn fuq kull kelb x'sab u ma sabx. Kollha l-klieb kollha kien body score ta' one over 5.* ***Jigifieri kienu f'qaghda hazina hafna. Iz-zwiemel l-istess, kienu f'kundizzjoni hazina hafna.*** *Fil-fatt, kien hemm sittax-il ziemel jigifieri wiehed jaf,* ***sittax-il ziemel*** *<u>irid ikollok finanzi biex trabbihom u hekk sew</u>. U*

[11] Fol.37
[12] **Dok.NV** a fol. 30-31
[13] Fol.31
[14] Fol.39

*fil-fatt, umbghad saret it-tieni inspection, kienet fil-15 ta' Dicembru tas-sena l-ohra fejn hemmhekk ittiehdet azzjoni ma tal-Lands u mal-Pulizija kienet ko-ordinata biex dawn l-annimali jittiehdu ukoll.".*

Ittiedhu ritratti wkoll li jinsabu fir-rapporti[15] maghmula minn ufficjali tad-dipartiment taht is-sorveljanza tieghu, zewg rapporti tad-dipartiment li saru f'Lulju u f'Dicembru tal-2017, kif ukoll rapport mill-veterinarju mill-*animal welfare department.*[16]

Il-klieb gew *fostered* ghand il-pubbliku u b'sodisfazzjoni jsemmi l-kambjament ghall-ahjar li kien hemm f'hajjithom.[17] Rigward fniek, dundjani, tigieg u majjal misjuba fuq il-post, jghid li meta jkun hemm *illegal farming* jidhlu awtomatikament l-awtoritajiet mill-biccerija. Kien hemm numru ta' klieb li kienu iccipjati fuq l-imputat u dawn baqghu jinzammu ghand l-animal welfare. Klieb ohra kienu **ccipjati fuq terzi persuni** li ferhu bil-bosta hekk kif gew infurmati li l-klieb taghhom instabu.[18] **Numru ta' klieb li ma kienux chipped jew fejn ic-chip ma kienitx registrata** gew *fostered.* Iz-zwiemel baqghu jinzammu ghand il-pulizija fis-sezzjoni tal-kavallerija.[19] Izid *"Dik il-holma taghna. Li eventwalment, dawn li kienu ghaddejjin minn dik il-mohqrija z-zwiemel, illum il-gurnata bis-sahha taghkom, irkupraw. Jigifieri qed jiehdu l-kura necessarja. Il-veterinarju qed imur regolarment".*[20]

Montebello jikkonferma *follow-up report* li sar mill-veterinarju li ezamina l-qaghda taz-zwiemel meta kienu qed jinzammu ghand il-pulizija, **Dok.CS**.[21] *"Il-veterinarju tal-Animal Welfare imur sikwit biex jiccekkja wkoll iz-zwiemel, il-qaghda taghhom. Fil-fatt qed jigi car li l-body score taz-zwiemel fuq dan ir-rapport tiela'.* ***Dak jurik jigifieri li qeghdin f'qaghda hafna ahjar. Jigifieri qed jigu mitmughin. Qed jaghmlulhom il-friex tahthom u kkurawhom mill-griehi li kellhom.*** *Jigifieri mhux hallewhom dan. Dan fil-fatt nikkonfermah dan ir-rapport. Nikkonferma wkoll il-firma tal-veterinarju, nawtentikaha l-firma wkoll hawnhekk u fil-fatt huwa ta' sodisfazzjon li naraw dawn l-affarijiet."*[22].

In kontro-ezami jispjega dak li jsehh meta jinstabu klieb minghajr *chip*. *"Iva, ara ahna meta mmorru naghmlu enforcement fuq klieb, ezempju, niccekkjawlu l-mircochip. Issa l-microchip jista' jew ikollu microchip mhux irregistrata, jew ma jkollux, jew ikun*

[15] **Dok.NM** a fol.51 et seq
[16] Fol.39-40
[17] Fol.41
[18] Fol.43
[19] Fol.43-44
[20] Fol.45
[21] **Dok.CS** "Inspection of Bizbizija Horses at Mounted Police" a fol.142-153
[22] Fol.47

*fuq il-persuna jew ikun fuq persuna ohra, third party. Issa meta ahna jkollna problema ta' mohqrija fuq kelb, ahna, u jkun tas-sid stess, ahna xorta ha nikkonfiskawh, ghax jekk il-kelb qieghed f'qaghda hazina, ahna l-ligi ttina li nikkonfiskawh."*[23]. Kelb partikolari li nstab fir-razzett tal-imputat kien sar rapport dwaru mal-pulizija fl-2016.

Ix-xhud ikkonferma li meta saret l-ispezzjoni f'Lulju, 2017, l-annimali ma kienux f'sitwazzjoni tajba tant li fejn kienu jinzammu kien mimli hmieg, ***"iz-zwiemel lanqas kienu qed jigu treated minn Veterinarju ghax kieku s-Sur Pace kien jipprezentalna certifikati medici"***[24]**.** Jispjega dak li jsehh meta jiltaqaw ma kazijiet ta' mohqrija u maltrattament t'annimali fejn jaghtu bniedem cans biex jindirizza l-problemi riskontrati. *"F'dan il-kas iva morna hemmhekk, sibna n-nuqqasijiet u tajnih ic-chances isma` irranga l-affarijiet, impruvja l-affarijiet. X'inhuma l-problemi?* ***Hu kellu jirranga l-affarijiet, kellu jiehu azzjoni. Fil-fatt sa Dicembru meta ergajna morna kwazi s-sitwazzjoni ggravat jigifieri dak li gara"***[25]**.** Jichad – kif donnu jallega l-imputat - li qatt taha struzzjonijiet biex iz-zwiemel jitnaqqsilhom l-ikel ghax kienu mitmughin izzejjed ***"Impossibli. Meta nara ritratt tat-tnax (12) ta' Lulju zwiemel li huma ghuda".***[26]

**Dr. Vanessa Messina** kkonfermat rapport[27] dwar spezzjoni li saret minnha nhar il-15 ta' Dicembru, 2017, wara li ssejjhet fuq il-post minn Donald Gouder tal-Lands Department. Id-doveri taghha dakinhar kienu sabiex tikkonstata jekk il-*welfare conditions* li kienu fihom l-annimali kienux accettabbli u jekk iz-zwiemel u l-klieb setghux jiccaqalqu minn fuq il-post. Tghid dan dwar il-kundizzjonijiet li kienu mizmuma fihom l-annimali: ***"Poor, very poor. Horrible. Lack of veterinary care, lack of cleanliness and the stable ware were in a horrible state.".***[28] **L-indafa kienet** ***"Zero, Zero****…. More,* ***the animals were very hungry****. ….. one of the horses I found out only after I exit from the stable that he has a very bad condition in one of the hooves because it was* ***full of stools till the knee… …The stable was covered with stools. Like, I don't know, like forty (40) centimetres of … Of fecious [recte: feces]. Stools****….".*[29]

Ix-xhud kkonfermat rapport iehor li sar minnha fit-12 ta' Lulju, 2017, u tghid li l-annimali li rat dakinhar ma kienux l-istess annimali li ezaminat f'Dicembru, 2017. Dwar dawn tal-ahhar tiddeskrivi li *"No animal had the same microchip number from the previous inspection. I was there also to check the microchip number. And to see if there was some animal that could be identified. Basically, some of them*

[23] Fol.48-49
[24] Fol.216-217
[25] Fol.218
[26] Fol.219
[27] **Dok.NV2** a fol. 158-172
[28] Fol.174
[29] Fol.175-176

*had the microchip but this microchip was not registered in the National Livestock Database. Moreover, some of them had a tattoo and the tattoo is been, is usually a mark that has been made at certain places like Netherlands, Sweden, yes also. Some of them also in France they do. Yes, on the neck. And they were not registered.".*[30] Lill-imputat qatt ma ratu fir-razzett imma kien ikun hemm missieru.[31]

Meta kien gie rrimarkat lil Omissis li iz-zwiemel kellhom bzonn attenzjoni medika minhabba **"lack of veterinary care"** Omissis urihom medicini izda dawn kienu biss *glucose solution* u cioe` tinnega li din kienet titqies bhala medicina: *"**No. That's why I ask him to go either medical certification from a vet, but I never received any medical certification. So, I believe he didn't do anything**. And one of the horse here…. The white one with the grey one. This one. As you can see from the picture, he has **a large wound which is called ulcer on the hip.** This is due to, usually, of course you can confirm with another vet, but this is usually due to a **lack of proteins**…..I spoke with Mr. Pace but he was not able to tell me "listen I'm giving this, this and this because it was told to me by a vet". So, no. There were no records, there were no like passport. We asked to see the passport. No passport."*[32]Ma kellux istruzzjonijiet li kien jimxi maghhom *"He had just plastic bag, like the one you find in a supermarket….. He had just a plastic bag with this bottles inside.".*[33]

**Dr. Luke Vella Verzin** ikkonferma rapport dwar spezzjoni li saret fir-razzett tal-imputat f'Lulju, 2017. Baqghu jahdmu fuq il-kaz sakemm f'Dicembru saret spezzjoni ohra li wasslet sabiex jittiehdulu l-annimali izda hu ma kienx mar ghall-ahhar spezzjoni.[34] Ikkonferma li r-ritratti fir-rapport li sar f'Lulju, 2017,[35]ittiehdu minnu. *"Ma tajtx istruzzjonijiet li kienu over fed sewwa. Jiena meta mmur f'dawn it-tip ta' inspections intihom rakkomandazzjonijiet ta' kif ghandhom jitmawhom u x'ghandhom jitmawhom fost affarijiet ohra.".*[36] Baqa' jsegwi l-annimali li ttiehdu minn fuq il-post u fir-rigward taz-zwiemel li kienu mizmuma l-kavallerija *"biz-zmien bdejt nara z-zwiemel jimtlew, ittratajnilhom snienhom, forsi ma tafux is-snien huma importanti hafna li jkun trimjati taz-zwiemel inkella ma jieklux u jitilfu l-piz sewwa**.....[qabel snienhom kienu] Jaqtghu. Suppost ma jkunux daqshekk jaqtghu. Suppost idurhomlhom kull sitt (6) xhur, dawn kienu ilhom snin. Infatti ghalhekk kienu irqaq ghax l-ikel ma jkissruhx sew u meta ma jkissruhx sew ma jidderiguh sew, m'intix ha tassorbi n-nutrijenti. Dwan l-affarijiet spjegajnihomlu dakinhar Lulju fejn kont hemm jiena**".*[37]. Ipprezenta

[30] Fol.176
[31] Fol.177
[32] Fol.178
[33] Fol.179
[34] Fol.226-227
[35] **Dok.NM** a fol.51 et seq u senjatament fol.89 et seq.
[36] Fol.228
[37] Fol.229

rapport li juru l-kambjament ghall-ahjar li ghamlu il-klieb[38] wara li ttiehdu minghand l-imputat. Fi kliem ix-xhud il-klieb li marru ghand familji *"marru tajjeb hafna….naccertakhom li huma kuntenti hafna l-klieb"*.[39]

**Fiorita Maria Sammut**, *animal welfare officer,* stqarret[40] kif flimkien ma Joseph Cassar kienu assistew il-Lands Department fi zgumbrament li kien qed isir. Kienu fuq gewwa hekk kif semghu storbju gej minn barra u hargu. *"Kif inzilna l-isfel rajna lil Pulizija imexxu lil [Omissis] 'il fuq lejn il-karozza tal-Pulizija. [Omissis] beda jaghmel zewg passi u jaqa' mal-art u hekk kif jaqa' il-Pulizija bdew jaqbduh u jergghu jerfawh halli jmexxuh sal-karozza. Fejn il-karozza rega' waqa' fejn qajjmuh u dahhluh gol-karozza."*.[41] Meta xehdet u kkonfermat[42] din id-dikjarazzjoni Sammut rrakontat dak li assistiet ghalih meta saret l-ispezzjoni f'Lulju. Tixhed ***"sibna hafna zwiemel li kienu f'kundizzjoni dizastru …. Body skoll [recte: score] maghlubin, bruises, vuol diri griehi litteralment, bedding, ta' tahthom friex xejn,*** *litteralment dawn kien hemm hmistax il-ziemel, bejn ziemel u pony qed nghidlek ziemel, vuol diri kien hemm minnhom ponies.* ***Meta staqsejnih jekk ux qed jikkurahom, jekk hadhomx ghand il-Vet, ghidnilu gibt veterinarju fuq il-post, qalilna le, veterinarju fuq il-post ma jigix.*** *Imur it-tifel ghand il-veterinarju jgib xi medicina u jamministraha hawn fuq il-post…..Ahna mieghu [mal-missier] konna ltqajna. Issa ahna bdejna nfittxu l-klieb ukoll ghax* ***kien hemm xi hmistax il-kelb.*** *Issa bhala klieb kien hemm minnhom li kienu iccipjati fuq David, kien hemm tlieta iccipjati fuq David Pace, it-tifel ta' [Omissis], kien hemm* ***tnejn li kienu iccipjati pero' mhux irregistrati, 4 fuq nies, persuni ohra u kien hemm il-kumplament li ma kienux iccipjati****…..[****Qorti:*** *Kif kienu l-kundizzjoni taghhom dawn il-klieb?]L-istess,* ***maghlubin, marbutin bi ktajjen hoxnin, bix-xikil minn dak it-tip ta' baqra nghidilhom jien, flok torbot kelb… Dan li jkun marbut bih il-katina bhal rota ddur, parti mill-katina ddur, tkun kbira … li jorbtu l-barrin, dak it-tip, l-istess fil-hmieg, dizastru totali.*** *Kien hemm xi tigieg u poultry u hekk."*.[43]

**Joseph Cassar** ukoll rrilaxxa stqarrija[44] fejn ikkonferma li l-pulizija bdiet tghin u terfa' lil Omissis ghax dan beda *"jintelqilhom ma l-art"*.[45] Cassar ikkonferma din id-dikjarazzjoni.[46] Kompla *"Jien li nista' nzid mill-ispezzjoni li ghamilna fuq il-post fejn kienu qed jinzammu l-annimali, z-zwiemel u l-klieb, kellna rapport, dahal rapport id-direttorat fil-11 ta' Lulju tas-sena l-ohra 2017 u fit-12 ta' Lulju saret*

[38] **Dok.LVV** a fol. 231-237
[39] Fol.229
[40] **Dok.NVZ4** a fol. 275 et seq.
[41] Fol.276
[42] Fol.444 et seq.
[43] Fol.445
[44] **Dok.NVZ5** a fol. 277-278
[45] Fol.277
[46] Fol.329-330

*spezzjoni flimkien mal-Pulizija tal-ALE, mal-veterinarji mill-VPRD u Dr. Luke Vella Verzin minn naha tal-animal welfare fejn hemmekk meta morna sibna lis-Sur Karmenu Pace u staqsejnih jekk ghandux zwiemel u klieb u qalilna biex nistghu nidhlu naraw b'ghajnejna.* ***Meta dhalna fuq il-post, sibna xena xejn pjacevoli, kien hemm hmistax il-ziemel, kien hemm minnhom under body score sewwa bi griehi, nuqqas ta' ikel u nuqqas ta' igene, il-post kien minnu nnifsu mahmug. Rigward il-klieb l-istess, kien hemm klieb maghlubin, skalettri, bi griehi, nuqqas ta' ikel u marbutin b'manjiera tal-biza', b'katina li torbot barri mhux kelb......*** *Ghandi rapport tat-12 ta' Lulju, rapport tal-15 ta' Dicembru tat-2017, dan meta morna l-ewwel darba u dawn meta ttiehdu l-annimali."*[47]. Mal-imsemmija rapporti[48] esebixxa ritratti taz-zwiemel[49] u l-klieb[50] ta' kif kienu l-annimali ghand l-imputat u kif kienu wara li ttiehdulu fejn *"irrangaw aktar tard"*[51]. Jispjega *"Ahna bhal ma jsir dejjem, dana fit-12 ta' Lulju ghidnilu lil [Omissis] biex ma jhallihomx marbutin, jikkurahom,* ***kellu klieb mhux registrati fuqu, u ghidnilu biex jirregistrahom, kellu klieb ohra li kienu registrati fuq persuni privati,*** *ghidnilu li jekk ser izzommhom irid jaghmel it-trasferiment u* ***tlabnih certifikat tal-veterinarju fuq kull kelb u kull ziemel.*** *Imbaghad fl-istess gurnata aktar tard, ghax ahna, jien kull ma ltqajt mal-missier hawnekk, [Omissis], imbaghad* ***filghaxija aktar tard kien cempel David Pace, kont kellimtu fuq it-telefon, u ergajt ghidtlu l-istess diskors, biex dawk jinhallu"***[52]**. Meta regghu marru f'Dicembru, 2017, ntebah li ma kien sar xejn minn dak li kienu qalulu jaghmel** ***"le ma sar xejn, anzi l-annimali marru ghal aghar mhux il-quddiem, komplew joghlbu iktar milli kienu, gew degredanti aktar milli kienu, hzienu.*** *Imbaghad fil-15 ta' Dicembru, sar l-izgombrament ghax kien hemm ordni minn naha tal-Lands u ttiehed kollox.".*[53]

**Dr. Gareth Grech**, espert veterinarju pprezenta r-rapport tieghu.[54] Beda biex semma' kif zewgt iklieb kienu mietu u iehor kellu jitraqqad.[55] *"Some dogs presented scarring in various parts of their body most likely from previous injuries:* ***Scarring around the neck line most likely due to being tethered for a long time with a tight collar****….Scarring on head, legs, and body could be from dogs fighting between themselves or other means of trauma for example from* ***being beaten by a person, or side of body or extremities from sharp objects in the environment****…A*

---

[47] Fol.329-330
[48] **Dok.JC** a fol. 334 et seq. u **Dok.JC1** a fol. 377 et seq
[49] **Dok.JC2** a fol. 415 et seq.
[50] **Dok.JC3** a fol. 435 et seq.
[51] Fol.330
[52] Fol.331-332
[53] Fol.332
[54] **Dok.GG** a fol. 466 et seq. Peress li kien hemm separazzjoni tal-gudizzju bejn l-imputat u Omissis, saret vera kopja ta' dan ir-rapport li l-original tieghu kontenenti ritratti bil-kulur hu esebit fl-atti **Il-Pulizija vs Carmel Pace et** a fol.184 et seq.
[55] Fol.467

*general comment from the carers was that the dogs had a fear of men more than women….The ideal BCS for a dog is 5/9. All dogs examined where* <u>*above*</u> *5/9"*[56]. X'ma sarx kambjament ghall-ahjar f'hajjet dawn l-annimali!!

Dwar iz-zwiemel Grech sab li kien ghad hemm zwiemel li wrew sinjali ma kienux ghadhom f'kundizzjoni tajba.[57] Sab li *"the majority of horses inspected were unapproachable and showed severe distrust in humans, severe agitation and would not allow physical contact. It must be pointed out that a horse needs more than good quality food & hay, bedding and stabling. Horses also need space for exercise and to exhibit normal behaviour. They also need lots of rehabilitation to be tamed and gain trust with humans – a process that takes months of dedication, contact and communication with the horse….The ideal BCS for a horse is 5-6/9. The majority of horses examined were below the 5/9 score."*[58]

In kontro-ezami jispjega li z-zwiemel ma kienux approachable u kif resaq lejhom bdew jagitaw rwiehom. *"bdew juru sinjali ta' stress u difiza".*[59] Jixhed li wasal ghall-konkluzzonijiet tieghu wara li ha konjizzjoni tar-rapporti u ritratti li kienu gew esebiti mill-Animal Welfare Department– **DokNM.**[60] Uhud miz-zwiemel kienu ghadhom lura fir-*recovery* taghhom.[61]Issemmi kif ma kienx hemm min qed jiddedika hin ghaz-zwiemel li ngiebu minghand l-imputat ghax il-pulizija jkollhom iz-zwiemel taghhom x'jiehdu hsieb. Kellhom bzonn aktar ghajnuna.[62] In ri-ezami jikkonferma li l-kundizzjoni taz-zwiemel meta kkomparata ma dak li deher fir-rapporti mahruga mill-Animal Welfare ***"Kienet ahjar mir-ritratti.".***[63]

**L-Ispettur Nicholas Vella** esebixxa[64] 4 certifikati medici li jirrigwardaw <u>griehi sofferti minn ufficjali tal-Pulizija Juan Mula Debono, Matthew Camilleri, Daniel Frendo u Clinton Theuma</u>, liema griehi gew certifikati bhala ta' **natura hafifa**.[65]

**Dr. Julian Grima** kkonferma c-certifikati mahruga minnu[66] rigward Matthew Camilleri u Daniel Frendo. Dwar Camilleri jghid *"meta ezaminajtu jien sibt li hu kien mugugh f'parti tal-id il-leminija fin-naha ta' quddiem fin-naha ta' isfel tal-id il-*

[56] Fol.467
[57] Rapport dwar iz-zwiemel a fol.508 et seq.
[58] Fol.508
[59] Fol.537
[60] Vide fol.539. **Dok. NM** a fol. 51 et seq.
[61] Fol.540
[62] Fol.541
[63] Ibid.
[64] Fol.299
[65] **Dok.NVZ-NVZ3** a fol. 242-245
[66] Fol.243-244

*leminija wkoll u fil-muskoli ta' jdejh kollha jigifieri minn fuq sa isfel."*[67]. Tali griehi iccertifikahom bhala hfief. Rigward Frendo jixhed *"Kellu selha fis-sieq tax-xellug, kellu ftit ugiegh meta jcaqlaq, bl-Ingliz nghidulu l-left ring finger, I mean ir-raba' suba u ftit ugiegh f'gok tal-istess suba. L-istess bhal kaz ta' qablu, il-griehi ta' natura hafifa".*[68]

**Dr. Marilyn Baldacchino** kkonfermat ic-certifikat[69] mahrug minnha rigward Clinton Theuma fejn sabet li dan kien qed issofri minn *"ugiegh u nefha fl-id tan-naha tal-lemin, ittiehed ukoll X-Ray tal-id il-leminija li ma wera l-ebda ksur. In-natura ta' dawn il-griehi hija hafifa sakemm ma jinqalghux kumplikazzjonijiet."*[70]

**Dr. Amalia Camilleri Bonello** ezaminat lil Juan Debono fejn iccertifikat[71] li *"kellu qata' fuq l-ewwel seba' tal-id tal-lemin li kienet* ***kompatibbli ma' gidma****….-griehi kienu hfief minghajr kumplikazzjonijiet.".*[72]

Fl-istqarrija ta' **PS1438 Emmanuel Zerafa**[73] stazzjonat mal-ALE, spjega kif kien gie msejjah l-ghassa tal-Mosta biex itella' l-Bizbizja anzjan li jiddeskrivih bhala s-sid tar-razzett. *"Kif wasalna biex nidhlu fit-trejqa, rajna il-vann tal-kavallerija tal-Pulziija u tfajna mal-genb biex incedulu. Kif konna weqfin, qabizna Pick up ahmar, dahal fl-ewwel bicca tat-trejqa u waqaf ezatt mal-vann tal-Pulizija.* ***Ix-xufier tal pickup hareg irrabjat minnu u beda jsabbat fuq-il-windscreen u fuq il-bieba tal-vann tal-Pulizija.*** *Fl-istess waqt, Jiena u Pc1329 hrigna mill-Land Rover biex inzommu l-persuna biex ma jaghmilx hsara fuq il-vettura tal-Pulizija, Pc1455 hareg ma l-arrestat u gie hdejna. Jien bdejt nipprova nikkalma lix-xufier tal-vann, li wara sirna nafu li jismu David Pace, u hareg ukoll is-surgent tal-kavallerija u kif ukoll il-kuntistabbli. David kien agitat hafna u kompla jghajjat u fil-kommozzjoni nara lil Pc1455 u l-arrestat ma l-art.".*[74] Zerafa kkonfermha din l-istqarrija.[75]

Fl-istqarrija[76] rrilaxxata minn **PS1141 Noel Tanti**, stazzjonat l-ALE, spjega kif kien duty ma PS1030 u PC1455 u kien gab *taser*. Meta l-anzjan ma kienx qed jikkowopera mal-pulizija, u sahansitra beda jheddidhom u jinsulentahom filwaqt li jhabbat rasu mal-hajt u ma kaxxa tad-dawl, dan ittiehed l-ghassa tal-Mosta. Ghalkemm tal-Lands qalulu li ma kienx hemm htiega li jsir kuntatt ma

---

[67] Fol.451-452
[68] Fol.452
[69] Fol.245
[70] Fol.456
[71] Fol.242
[72] Fol.458
[73] **Dok.NVZ10** a fol. 246 et seq
[74] Fol.248
[75] Fol.317-318
[76] **Dok.NVZ13** a fol. 260 et seq

iben l-anzjan hu insista. *"Jien insistejt li naghmlu kuntatt mat-tifel tieghu, fejn dawn cemplulu, kellimtu jien u wissejtu biex jigi fuq il-post halli jibdew l-affarijiet. <u>Dan beda jghajjat u jghid "x'ghamiltuli, x'ghamiltuli" u kien se jaqbad l-avukat</u>. Tajt nofs siegha cans biex jikkuntatja l-avukat tieghu u biex jigi fuq il-post. Sa dan itant kelli telfonata mill-ghassa tal-Mosta fejn gejt infurmat li l-anzjan kien qed jinsulenta lil Pulizija ta l-ghassa tal-Mosta, specjalment xi ufficjali kif ukoll jobzoq u jipprova jaqla l-inkwiet fl-ghassa. Jien ghedt lis-surgent 148 li kont ha nikkuntatja lit-tifel tieghu u nghidlu li missieru qieghed l-ghassa u filkas jghaddi ghalih u jibqghu tilghin fuq il-post. Cempilt lil David, saqsejtu kif baqa halli l-awtorita tibda tahdem u dan qalli* ***"jien gej issa fuq il-post, ara tohorgu rixa ghax bi kbira tkun****. …… Tal kavallerija ghabbew zewg t-izwiemel u telqu minn fuq il-post izda kif daru il-kantuniera fejn jiena ma stajtx nara l-vann, Ps 1030 ircieva telefonata minghand is-surgent tal kavallerija li kien fil-vann u kellu bzonn l-assistenza peress li gie David u missieru, b xi familjari tieghu u bdew jaghmlu rebus. Ahna tlaqna kollha hdejn dan is-surgent u malli dort il-kantuniera rajt il-vann tal-kavallerija wieqaf fin-nofs tat-trejqa, il-vann ta David quddiem jaghlaq it-triq u dak il-hin* ***rajt lil David <u>jimbotta</u> lil Pulizija tal-Kavallerija u jaghti fuq il-windscreen tal-vann****. Jien bdejt niprova inressaq lil David minn mal vann, fejn hin minnhom rajt lil missieru jigi immanetjat minn ta l-RIU u lil* ***David jimmanetjawh ukoll ghax <u>beda jirresisti l-arrest</u>****. Naf ukoll li f'din il-kommossjoni* ***Ps691 Juan gie <u>migdum</u>*** *<u>u xi Pulizija iehor li kien wegga</u>. Dak il-hin rikkibna lil David fil-Land Rover taghna ghax kienet vicin u lil missieru fil-karozza ta l-RIU fejn gew infurmati li huma arrestati u kienu se jittiehdu l-ghassa l-Mosta ghall aktar investigazzjoni.".*[77] David kien aggressiv u ma rah lil hadd issawwat lill-imputati. Lanqas ma ntuzat forza eccessiva.[78]

Meta xehed *viva voce* kkonferma[79] d-dikjarazzjoni w kompla kif l-imputat sar jafu fuq il-post *"jien is-Sur Pace nafu li kien waqt li konna qeghdin fuq il-post, smajt illi gie vuol diri t-tifel ta' dan li sibna l-ewwel darba fuq il-post, qed tifhem,* ***u jiena personali rajtu b'gebla kbira f'idu ser jitfa' gol-windscreen tal-van tal-kavallerija...... Il-fatt li ma tefaghahiex ghax zammejnih ahna....****".*[80]

**PC123 Roderick Vassallo**, stazzjonat mal-RIU, iddeskriva dak li sehh fil-jum meta wasslu fuq il-post.[81] *"Ahna morna vicin il-gate tal-farm imma bqajna barra, jien talbuni biex inzomm il-gate maghluqa, biex ma jaharbux l-annimali u bejn wiehed u iehor ghamilna xi kwarta hemmhekk. Kien hemm tal-kavalerija li bdew jghabbu iz-zwiemel u wara li ghabbew telqu bihom u wara li telqu jien mort nerga inzomm il-gate maghluqa. Madwar wara minuta smajna hafna ghajjat u storbju u morna nigru naraw x'gara, nghid ukoll li jien kont l-ahhar wiehed peress li kont qed inzomm il-gate. X'hin*

---

[77] Fol.262-263
[78] Fol.263-264
[79] Fol.322-323
[80] Fol.323
[81] **Dok.NV17** a fol. 270 et seq.

*wasalt fejn kien hemm l-istorbju. Jien rajt vann ahmar f'nofs tat-triq issakkar lil vann tal-kavallerija u kien hemm ukoll Land Rover ta l-ALE u lil Pulizija kollha hemmhekk u rajt ukoll lil wiehed li wara sirt naf li jismu David, lil missieru, ommu u tifel ta madwar ghaxar snin. Nghid ukoll li dak il-hin li wassalt jien, missier David diga kellu xi demm ma rasu. Kien qieghed fuq naha minnhom tal-vann l-ahmar u David kien qieghed in-naha l-ohra mizmum mill-Pulizija".*[82] Din id-dikjarazzjoni giet konfermata bil-gurament fil-kors tal-procediment kontra l-imputat.[83]

**PS1167 David Fenech**, stazzjonat il-kavallerija, semma kif dakinhar li ttiehdu z-zwiemel kien xoghol ma PC1032. *"Ahna ghabbejna l-ewwel zewg t'izwiemel u tlaqna bil-mod lejn il-Marsa. Kif wasalna fit tarf ta l-isqaq, kienet tiela karozza tal-Pulziija u minn warajha qabez vann ahmar u imblukkalna it-triq u waqaf madwar tlett piedi il-boghod. Hareg ragel minn go fih u gie fuq in-naha tieghi u cioe tax-xufier u saqsieni x'se jsir miz-zwiemel u jien ghedtlu li kienu se jkunu il-kavallerija. Minn hemmhekk hu kellu xi cwievet f'idejh u* ***beda jhabbat mal-windscreen tal-vann****. Il-Pulizija li kienu fil-karozza li kienet tiela, li kellhom maghhom l-anzjan li kien il-Bizbizija qabel, hargu mill-karozza ukoll. Nghid li jiena u il-kollega tieghi hrigna mill-vann ukoll biex nippruvaw nikkalmawh. Jien saqsejtu biex iccaqlaq il-vann izda ma ridtx jaf. Dan il-hin ahna morna ghall-assistenza, u gew ta l-RIU u ta l-ALE u biex ahna stajna nkomplu fuq xogholna huma kellhom jigu arrestati. Jien niftakar sew li meta kienu qed jarrestaw it-tifel, l-anzjan kien qieghed mal-hajt u mar u ta zewg daqqiet ta sieq lil Pulziija minnhom. Jien ergajt gbitu mal-hajt u wara gew ta l-RIU u hadu over huma. Il-vann mexxieh is-surgent ta l-ALE u jien komplejt fuq xogholi."*[84] Dwar **l-imputat jghid li ma kienx kalm ghaliex saq ghal fuq il-pulizija u beda jhabbat fuq il-windscreen tal-van** li kien fih ix-xhud. Missier l-imputat sofra griehi f'rasu kagun tad-daqqiet li beda jaghti biha mal-hajt u go kaxxa tat-telefon.[85] Ix-xhud kkonferma bil-gurament l-istqarrija.[86]

**PC1032 Saviour Schembri** kkonferma[87] dikjarazzjoni dwar dak li assista ghalih.[88] *"Ghal habta tat-tmienja u nofs, dhalna u qbadna zewt izwiemel u ta l-animal welfare dahlu jaqbdu l-annimali l-ohra. Ghabbejna zewg t-izwiemel fil-karru u tlaqna bil-mod. X'hin wasalna fil-kantuniera rajna karozza ta l-ALE wieqfa li nahseb kienet qed iccedilna u wara rajt vann ahmar gej jigri ghal fuqna u waqaf ftit il-boghod minnha jaghlqilna it-triq.* ***Rajt ragel niezel mill-vann li wara irrizulta li kien jismu David, rajtu ippanikjat u beda jdur u jaqghad quddiem il-vann u gie mal-bieba tas-surgent u qallilna x'se jsiru minnhom iz-zwiemel. Imbghad mar quddiem***

[82] Fol.272-273
[83] Fol.310-311
[84] **Dok.NVZ7** a fol.283
[85] Ibid.
[86] Fol.295
[87] Fol.314-316
[88] **Dok.NVZ8** a fol.285 et seq.

***il-van taghna, fetah idejh u beda jhabbat mal-windscreen. Jien inzilt u anke is-surgent bdejna nippruvaw nikkalmawh.*** *X'hin is-sitwazzjoni ikkalmat naqra, mort fil-kantuniera biex insejjah ghal-assistenza u malli dort il-kantuniera rajthom gejjin jigru lil Pulizija li kien hemm fuq il-post. X'hin inzilt, rajt hafna Pulizija u rajthom tilghin bih immanetjat.".*[89]

**PC1455 Daniel Frendo**, stazzjonat l-ALE, fl-istqarrija rrilaxxata minnu,[90] beda biex jispjega li qabel ma marru fuq ir-razzett kienu gew infurmati minn ufficjal tal-Lands li min kien qed jokkupa l-art heddidhom li ser jisparalhom jekk jergghu imorru. Ghalhekk gabu *taser* mill-ghassa tal-Mosta peress li ma kienux armati. Spjega kif wara atteggjament aggressiv mill-anzjan fejn dan tnizzzel l-ghassa, kienu mitlubin jergghu jiehduh fuq il-post. *"Jien cempilt lil ta l-ALE biex intellawh lura lejn il-Bizbizija u wasal Ps1438 u Pulizija iehor bl-Land Rover minn taghna. Tlajna kollha fil-Land Rover u morna lura lejn il-post. Kif konna dehlin lejn l-isqaq, rajt il-vann tal-kavallerija niezel mill-isqaq u cedejnielu.* ***Kif konna qed nistennew biex jinzel il-vann gie pick up ahmar min warajna, qabizna u baqa diehel sakemm waqaf mal-vann tal-Kavallerija. Ahna rajna ragel, li wara irrizulta li kien certu David, niezel mill-vann u beda jsabbat mal-vann tal-kavallerija****, Nizlu is-surgent tal-kavallerija u kif ukoll il-kuntistabbli li kien hemm mieghu, u beda jaghjat maghhom, u beda jghid li minn hemm ma jiehdu xejn. Malli rajt hekk hrigna kollha mill-Land Rover, cempilt lil Ps1030 ghall-assistenza, ghax minn fejn kienu huma ma setghux jarawna. Waqt li kont qed incempel, dan l-anzjan li kien hemm maghna, li wara irrizulta li kien missier David, beda jtini bis-sieq u jipprova iwaqqafni milli ncempel. Ftit sekondi wara nara lil membri ta l-RIU u kif ukoll lil Ps1030 u Ps1141 gejjien jigru ghal-assistenza. Malli waslu bdew jippruvaw jikkalmaw lil* ***David imma iktar beda jsir agressiv u beda jghajjat lejn il-membri tal-Pulizija. Ahna konna qeghdin ma l-anzjan u malli ra hekk iktar beda iktar ikun agressiv lejn u sahansitra jien waqajt.".*** Kien mar il-clinic fejn gie ccertfikat li kien soffra <u>feriti hfief f'subghajh tax-xellug</u>. *"Imbghad inzilna b'David l-ghassa tal-Mosta fejn kif ra lil missieru beda jiggieled u joffendieh ghax qallu li kien kollu it-tort tieghu ghax kellu rasu iebsa.".*[91] Ix-xhud kkonferma bil-gurament l-istqarrija.[92]

**PS691 Juan Mula Debono** stazzjonat l-RIU, stqarr[93] li kien f'vettura ma PC1391 meta gew mitluba assistenza fuq sgumbrament. Meta wasslu s-sidien ma kienux fuq il-post. *"Wara xi ghaxar minuti li konna qeghdin hemm fejn is-sitwazzjoni kienet kalma, jien rajt lil tal-kavallerija johorgu b'zewg t-izwiemel u jaghbuhom gol-vann taghhom u meta lestew, qabdu it-triq l-isfel b'zewg t-izwiemel mghobbijien. Wara li dar il-kantuniera, ahna, dan il-vann ma rajniex aktar u wara ftit*

[89] Fol.287

[90] **Dok.NVZ11** a fol. 250 et seq

[91] Fol.252-253

[92] Fol.293

[93] **Dok.NVZ12** a fol. 255 et seq

*li sparrixxa mill-vista taghna, Is-surgent Clint ircieva telefonata u wara ftit li wieged beda jaghjjat li kien hemm taghna u kellhom bzonn l-assistenza. Ahna ta l-RIU flimkien ma s-surgent Noel u surgent Clint morna nigru lejn in-nizla u malli dort il-kantuniera rajt il-vann tal-kavallerija wieqaf fin-nofs, b'vann ahmar jaghlaqlu it-triq. Naf li wara dan il-vann kien hemm Land Rover ta l-ALE u zewg membri ta l-ALE. Rajt persuna maskili hdejn il-vann ta l-ALE li beda jxejjer u jghajjat li wara irrizulta li kien jismu David u kif ukoll kien hemm ragel anzjan jghajjat ukoll li kien qrib hajt tas-sejjieh bil-wieqfa u bejniethom kien hemm zewg Pulizija ta l-ALE. Jien mort fuq David u bdejt nghidlu biex jikkalma u jieqaf mill-ghajjat izda kollu kien ta xejn. Meta kont qieghed vicin tieghu prova jerga jmur lejn il-vann tal-kavallerija u* ***dak il-hin jien zammejtu, mexxejtu lejn quddiem tal-Land Rover u gejn f'posizjoni li dahru kien ma sidri u tfajt idejja minn wara darhu ghal sidru biex inzommu. Domna ghal ftit sekondi fejn beda jipprova jimbotta u kompla jghajjat "Hallini ha mmur ghaz-zwiemel" izda jien bqajt inzommu. Wara ftit baxxa rasu u gidimni f'subajja il-kbir tan-naha tal-lemin. Hassejt weghha kbira u beda jtini b'saqajh bl'lura.*** *Qrib tieghi kien hemm Pc1391 ghax peress li ahna konna partners dejjem nahdmu pass wara xulxin f'kazi hekk. Ghajjatlu biex jiehu hsieb hu ghax kelli hafna ugiegh u demm hiereg minn idejja. Naf li gie Pc1391 u kif ukoll is-surgent Clint u immanetjawh u jien bqajt hemm warajhom.".*[94]

Jinnega li ra lil xi hadd jimbotta jew jaghti daqqiet lil Omissis u jghid li David Pace kien aggressiv. Ma kienx kalm u beda jsemmi l-art u z-zwiemel. Ma ra lil hadd jaghti xi daqqiet lil David Pace u ma ra l-ebda ufficjal johrog lill'hinn mid-doveri tieghu. Ikkonferma li kien miss lil David Pace biex izommu.[95]

**PC64 Tonio Sultana** kkonferma dikjarazzjoni minnu rilaxxata.[96] F'tali dikjarazzjoni[97] jghid li hu stazzjonat fl-RIU w flimkien ma kollegi gie msejjah biex jassisti membri tal-ALE. *"Wara li tabbew iz-zwiemel, tal-kavallerija saq minn fuq il-post u beda hiereg il-barra. Wara li dar il-kantuniera ahna ma bqajniex narawh u wara ftit telghet persuna u bdiet tajjat li xi ufficjali minn taghna bdew jigu agrediti. Ahna dak il-hin morna ghal fejn kien hemm l-incident biex naraw x'inhu jigri. Malli wasalt jien, li kont wiehed minn ta l-ahhar, rajt il-vann tal-kavallerija wieqaf minhabba li kien hemm pickup ahmar li kien qed jaghlaqlu it-triq u kien hemm Land Rover ta l-ALE ukoll. Jien rajt it-tifel li wara sirt naf li jismu David li kien agitat hafna u kellu sidru mal-Land Rover u kien qed jigi immanetjat minn ta l-ALE u ta l-RIU.* ***Is-surgent 691 beda jzommlu idu u jien mort nassistieh u bdejt nghidlu biex jieqaf jirrezisti. Waqt li is-surgent Juan kien qieghed jiprova izomm lil David, jien rajt lil David jigdem subajn is-surgent.*** *Dak il-hin jien hassejt daqqa ta sieq fuq il-*

[94] Fol.257-258
[95] Fol.258-259
[96] Fol.297
[97] **Dok.NVZ15** a fol. 301 et seq

*holster ta l-arma tieghi u indunajt li kien missier David li kien ma l-art jiprova jtini bis-sieq u kif ukoll kienu qed jipprovaw izommuh ta l-ALE".*[98]

**PS1030 Clinton Theuma**, stazzjonat l-ALE, stqarr[99] kif meta wasslu fuq il-post anzjan kien qed ikun aggressiv maghhom kif ukoll ihabbat rasu mal-hitan u ma arblu tad-dawl. Dan ittiehed l-ghassa. Peress li l-imputat kien hedded lil tal-Lands meta dawn cemplulu, issejjhu pulizija tal-RIU. *"Xi kwarta wara beda hiereg mill-isqaq tar-razzett il-vann tal-kavallerija b'zewg zwiemel ikkonfiskati fejn wara li dar il-kantuniera u ma baqax jidher, cempilli Pc1455 fejn b'nifsu maqtugh qalli biex immorru ghall-assistenza malajr iktar l-isfel. Jien infurmajt lil ta l-RIU li kienu hdejja li wara l-kantuniera kien hemm Pulizija li kellu bzonn l-assistenza. Huma telqu bil-giri u daru wara l-kantuniera lil fejn kien dar il-vann tal-kavallerija, fejn ftit sekondi wara, jiena u PS1141 morna naraw x'gara. Kif wasalna u dorna il-kantuniera rajna il-vann tal-kavallerija f'nofs ta triq jaghlaq it-triq u vann ahmar ipparkjan vivin hafna tal-Pulizija li wara rrizulta li kien qed jaghlaqlu it-triq u iktar l-isfel kien hemm Land Rover ta l-ALE. Jien kif wasalt rajt lilt a l-RIU jippruvaw jimmanetjaw lit-tifel li wara sirt naf li jismu David u kif ukoll **lis-surgent 691 bid-demm iqattar minn idu.** Jien mort nassisti lil ta l-RIU peress li **ma setghux irraznuh peress li beda jirressisti l-arrest meta kont qed nipprova inlibbislu il-manetti beda jissara mieghi fejn irwieli idejja u weggani.** Irnexxielna inlibbsulu il-manetti u tellajnieh bil-qeghda fil-land rover ta l-ALE biex jikkalma. Fuq il-post kien hemm mara anzjana u tifel fejn dawn bdew jghajjru u joffendu il-Pulizija u jghidulna biex inhalluhom. ….. Jien hassejt ugiegh kbir f'idejja fejn tal-lands department wassluni il-Klinika tal-Mosta. Meta kont qieghed nigi mdewwi jien inzertajt lil anzjan li kien qieghed il-klinka biex jiddewwa minn xi grif u smajtu jirrifjuta li jigi immedikat kif ukoll jaghjjar lin-nurses u t-tobba li ma jafdahomx fejn huwa gie mkecci mill-klinika. Jien inharigli certifikat mediku mit-tabiba Marlyn Baldacchino MD u wara ergajt mort fuq il-post tal-Bizbizija fejn l-operazzjoni kompliet minghajr intoppi."*[100]. Is-surgent Theuma kkonferma din id-dikjarazzjoni fl-intjier taghha.[101]

Jiddeskrivi lill-imputat bhala li kien aggressiv hafna minhabba li kien qed issir l-izgumbrament. Ma ra lil hadd jimbotta jew isawwat lil missier l-imputat. Kien wegga' f'isu l-leminija hekk kif kien weggaw ukoll PS691 fejn rah biddemm f'idejh u pulizja ohra. Ma ntuzat l-ebda forza eccessiva.[102]

**PC1391 Matthew Mike Camilleri** kien flimkien ma PC691 Juan Mula Debono, it-tnejn stazzjonati l-RIU.[103] Gew msejjha biex jassistu kollegi mill-ALE u mill-

---

[98] Fol.303-304
[99] **Dok.NVZ14** a fol. 265 et seq.
[100] Fol.267-268
[101] Fol.319-320
[102] Fol.268
[103] **Dok.NVZ9** a fol. 289 et seq

kavallerija. *"Ahna lkoll inzilna nigru flimkien fejn malli dorna il-kantuniera rajna il-vann tal-kavallerija bil-karru fuq wara li kien qed jigi blukkat b'vann pick up ahmar u fuq wara nara vettura ohra ta l-ALE li kienet Land Rover. Jien rajt ragel ta mezz eta li wara sirt naf li kien* ***David fejn beda jxejjer idejh, jsabbat kemm mal-windscreen tal-vettura tieghu u kif ukoll fuq il-windscreen tal-vann tal-Kavallerija, beda jajjar lil Pulizija tal-Kavallerija u kif ukoll beda jipprova jhebb ghall-Pulizija ta l-ALE.*** *Naf li jien u is-urgent Juan* ***morna fuq David Pace sabiex nikkalmawh fejn dan ma riedx jikkalma u pprova jhebb ghas-surgent*** *fejn qabdu u resqu lejn il-land rover u zammu b'tali mod li David gie sidhru mal-Land Rover u is-surgent sidru ma dahru. Is-****surgent beda jipprova jikkontrollah fil-waqt li jien hadtlu idejh sabiex inlibbislu il-manetti izda <u>f'hin minnhom smajt lis-surgent jghajjat bl'ugiegh fejn anke rajt id-dmija ma jdejh li wara irrizulta li kien gidmu David Pace f'subajh</u>***. *X'hin rajt hekk zammejt lil David jien u gie xi haddiehor jghini biex ingib l-arrest u wara li irnexxielna narrestawh hadnieh gol-Land Rover ta l-ALE. Naf ukoll li wara li dahhalnieh gol-Land Rover ta l-ALE telqu bih. Jien minn hemmhekk dort fuq is-surgent Juan u ghedtlu biex immorru il-klinika tal-Mosta biex jigi invistat. Meta rajna li s-sitwazzjoni kienet kalma ahna tlaqna minn fuq il-post u morna fil-klinika tal-Mosta. <u>Hemmhekk gejna invistati mit-tobba u hargulna certifikat kull wiehed fejn jien irrizulta li kelli ugiegh fil-polz</u>."*.[104] Jixhed li l-unika forza li ntuzat kienet dik necessarja biex jaffettwaw l-arrest.[105] Meta xehed ikkonferma din id-dikjarazzjoni.[106]

L-imputat **David Pace** ghazel li jixhed. Spjega kif kien dahal f'art il-Bizbizija wara li kien mibghut hemm mill-Gvern. Beda jixtri, jrabbi u jikkura zwiemel li jkunu imwegghin.[107]Jinnega li ma kienx jitma' sew l-annimali.[108] Missieru, Omissis, kien ikun ir-razzett il-gurnata kollha peress li hu kien qed ilahhaq max-xoghol. Biex jalef kienet tghinu finanzjarjament l-ex tfajla.[109] *"Annimali kien hemm minnhom registrati f' ismi u <u>kien hemm minnhom baqaw fuq is-sid min kien</u>. Meta kont mort kellimt lil Noel Montebello minghalija, kien qalli biex nidhol NGO u sbit hafna hassle peress li r-razett jien ma kellix titolu ghalih, la stajt nirranga u xejn……Lil Noel Montebello kont kellimtu, mort kellimtu…Tlabthom biex jghinuni."*[110] Jikkonferma li meta ra li ma kienx f'posizzjoni li jindukrahom b'mod xieraq <u>ma ppruvax jghid lil tal-Animal Welfare johduhom</u> izda talab biss post alternattiv.[111]Intbghat ghand NGOs izda kien kollu ghalxejn.[112]

---

104 Fol.291-292
105 Fol.292
106 Fol.312
107 Fol.549
108 Fol.550
109 Fol.551
110 Fol.552
111 Ibid.
112 Fol.553

L-imputat jichad li kien halla l-annimali jbaghtu *"Jsofru u jbghatu mhux jien gibthom f' dak l-istat. Mhux jien gibtu ghax jien tlabt l-ghajnuna, dak xogholi…..Jiena kont naliflhom, intijhom id-drippijiet, il-medicini li kien hemm."*. Kien halla f'idejn missieru biex jaghti l-gwiez peress li hu ma setghax ilahhaq ma kollox.[113] In kontro-ezami jghid li tahthom iz-zwiemel kellhom cana u malef u jichad li z-zwiemel kienu qed jghixu fuq id-demel. Jikkonferma li halla klieb marbutin bil-katina ***"Iva mela, kif ridtni inhollhom mill-katina, mhux jitilqu."***[114]

Pace imbghad jghaddi biex jiddeskrivi dak li ra jigri lil missieru. Din il-verzjoni hi ghal kollox kontradetta mhux biss mill-pulizija izda anke mill-ufficjali tal-Animal Welfare Department u tal-Lands Authority fejn kollha kemm huma jikkonfermaw li kien missier l-imputat li beda jipprova jwegga' lilu nnifsu w mhux safa' aggredit mill-pulizija! **Ghalhekk din il-verzjoni tal-imputat timpingi direttament fuq il-kredibbilita` tieghu:** *"Kif tlajt insib il-van tal-pulizija hiereg u lil missieri inizluh mill-land rover, jigbduh minn saqajh, jinstabat fuq daru ma' l-art, sa jsabtulu rasu mal-hajt il-pulizija. Hemm it-tifel tieghi xhud u mhux ha jigdeb tistaw tezaminawh xi tridu. Gejna imsawtin, jien ha nhebb ghal ghoxrin pulizija, ……Le jiena kull ma ghetilhom x' ghamiltulu lil missieri u erhulu dak marid."*[115]

Anke din id-dikjarazzjoni dwar l-agir tieghu stess tigi kontradetta mid-diversi ufficjali li lkoll isemmu l-aggressivita` tal-imputat li beda jhabbat fuq il-windscreen tal-van tal-kavallerija w **jirrezisti lill-pulizija tant li dawn spiccaw isoffru griehi hfief kawza tar-rezistenza li wera l-imputat ghall-arrest fejn sahansitra gidem lil PS691 u beda jipprova jilwi idejn PC1030 Clinton Theuma.**

Pace jinnega li kien hemm xi klieb li kienu joqrdu taht xi truck. Jghid li meta seta' kien jixtri l-gwiez u jitmaghhom. *"Jien personali nerga nghid ma stajtx inkun kontinwu, ridt imur ghax-xoghol. Heq biex ha jinxtara l-gwiez, hemm hekk kont nonfoq qrib l-elfejn euro ta fix-xahar, mhux cucata. Biex talef dik is-sahha tal-bhejjem kollha manteniment qawwi trid."*[116]

**Marthese Debono,** li sal-2018 kienet it-tfajla tal-imputat, xehdet li kienet flimkien mal-imputat tiehu hsieb it-tindif tal-annimali li kellu. Kienet tghin partikolarment fix-xiri tal-ikel ghall-annimali *"David ma kellux income fiss, l-annimali ovvjament ma kienux ha nhalluhom bil-guh, kont nixtrilhom l-ikel jiena"* u

[113] Fol.554
[114] Fol.555
[115] Fol.557-558
[116] Fol. 559-560

ssemmi li kienet tonfoq €2,000-€2,500 fix-xahar. Tghid li setghet tonfoq dan l-ammont peress li tahdem mal-Planning Authority u taqla' €4,000 fix-xahar. Fir-razzett kellha tlett zwiemel li kienet xtrat li ma kienux registrati fuqha.[117] Meta David ma kienx ikun xoghol kien jghaddi l-gurnata kollha fir-razzett izda meta kien ikun xoghol kien ikun hemm missieru.[118]

**Davide Cauchi**, bin l-imputat, xehed li kif wasal ma missieru fuq il-post jara lil nannuh jigi msabbat mal-art mill-pulizija[119].

Kif intqal, hadd mix-xhieda okulari ma jikkonferma mqarr farka ta' din il-verzjoni anzi b'vuci unanima jghidu li kien propju Omissis li beda jipprova jwegga' lilu innifsu billi jsabbat  rasu ma cint u ma kaxxa tad-dawl.

Ikompli li l-pulzija hargu lin-nannuh mill-vettura mmanetjat u bdew tielghin bih lejn ir-razzett.[120] Jsemmi kif missier, li kien kemm xejn ecitat, inzamm b'idejh wara dahru u dan meta kienu konxxji li kellu bocca u bdew ituh fuqha. Skond ix-xhud sema' lill-pulizija jghidu lill-imputat li ser 'jisirqulu' kollox – kliem li fil-kuntest ta' zgumbrament certament ma jaghmel ebda sens![121] Davide jasal jghid ukoll li l-pulizija hargu mill-van tal-kavallerija w sabbtu anke lilu. In kontro-ezami jikkonferma li wasal ma missieru b'van Isuzu.[122]

Il-Qorti ghandha riservi kbar dwar il-kreddibilita` ta' dan ix-xhud. Ghaliex il-pulizija kellhom jghidu lill-imputat li kienu ser *jisirqulu* kollox meta din kienet operazzjoni ta' zgumbrament kondotta mill-Lands Department? Kemm aktar ghandu aktar mis-sewwa li kien propju, kif hemm indikat fil-Current Incident Report,[123]  li l-pulizija taw parir lil Pace – u mhux bdew inigzu w jinku lil Pace – sabiex jiehu xi effetti personali propju sabiex ma jisfax misruq wara li l-post jigi zgumbrat! Xi skop ghandu x-xhud iddawwar il-kliem u l-fatti b'dan il-mod? Ghaliex ragel anzjan li kien gja mmanetjat u mqieghed f' karozza tal-pulizija, kellu jerga' jinhareg minnha biex jigi aggredit? Mhemmx dubbju li din il-verzjoni moghtija minn iben Pace ma ghandhiex mis-sewwa. Jigi mfakkar kliem PS1030 Clinton Theuma "*Fuq il-post kien hemm mara anzjana u tifel fejn dawn bdew jghajjru u joffendu il-Pulizija u jghidulna biex inhalluhom*".[124]

117 Fol.580-581
118 Fol.583
119 Fol.
120 Fol.565
121 Ibid.
122 Fol.566
123 Fol.13 – "Sar kuntatt ma David Pace biex imur fuq il-post u jiehu l-affarijiet tieghu"
124 Fol.267-268

**John Cortis** li biegh bosta zwiemel lill-imputat jiddeskrivi kif kien jiehu zwiemel li jkunu wegghu bi tpartit u jbieghom lil Pace biex izommhom bhala pets.[125] Zwiemel imwegghin jaqtghu lura, jgholbu w ghalhekk jinhtiegu attenzjoni medika.[126] Semma ziemel partikolari li lanqas biss seta' jaghlaq halqu minhabba l-qaghda ta' snienu izda meta rah il-kavallerija rah li mar il-quddiem. Jghid li mhux iz-zwiemel kollha marru l-quddiem[127] ghalkemm jammetti li *"Ma gahdhomx bhal ma kienu….Trangaw,….trangaw, tajjeb ma tistax tghidlu hazin….trangaw pero kien hemm minnhom li ma kontx ilni li bieghejthom lil David…Bilfors iridu jitrangaw….Dan jekk bqajtu taghtuhom il-kura li hemm bzonn"*. Debba li fi kliem ix-xhud *"kienet dizastru" issa "Trangat hafna"*.[128]

Cortis isemmi kif kien imur mal-imputat jixtri gwiez.[129] Jghid li biex ziemel ifieq minn gerha ghandu bzonn *penicillin* u dan jitfa' ziemel lura. Jiddentifika numru ta' zwiemel li kellhom bzonn jinghataw penicillin.[130]

Dan hu detal importanti. Jigi mfakkar li l-ufficjali mill-*animal welfare* ma sabu l-ebda *penicillin*, l-ebda tip ta' medicina kif tixhed Dr. Vanessa Messina izda biss glucose.[131] Evidenza li z-zwiemel ma kienux qed jinghataw l-attenzjoni medika li jixirqilhom biex tigi ameljorata l-kundizzjoni taghhom.

In kontro-ezami Cortis jghid li ra z-zwiemel il-Kavallerija xi xahrejn wara li ttiehdu minghand l-imputat.[132] Biegh lil Pace zwiemel li kienu *chiped* u ohrajn li ma kienux. Jikkonferma li meta mar jara iz-zwiemel ghand il-kavallerija, il-pony Shetland kien ghamel kambjament kbir.[133] Jishaq li meta kien ghadda z-zwiemel lil Pace dawn kienu fi stat hazin.

Mix-xhieda ta' Cortis jirrizulta ghalhekk li meta nbieghu z-zwiemel dawn kienu fi stat hazin. Mhemmx dubbju dwar dan. Izda jibqa' l-fatt li bejn l-ewwel spezzjoni u t-tieni wahda li saret hames xhur wara, mhux talli l-kundizzjoni ta' dawn il-bghejjem ma tjiebitx izda marret ghall-aghar kif jirrizulta mir-rapporti tal-ufficjali tal-*animal welfare*. Ma kien sar xejn minn dak li kien intqal lill-imputati li kellu jsir. Il-kundizzjoni kemm taghhom kif ukoll dik tal-istat pjettuz li fiha thallew l-annimali baqa' jiddeterjora. Mi-xhieda ta' Dr. Messina jirrizulta li lanqas gew segwiti l-istruzzjonijiet medici li hi spjegat li kellhom jigu segwiti

---

[125] Fol.568-569
[126] Fol.569
[127] Fol.570
[128] Fol.571-572
[129] Fol.573
[130] Fol.575
[131] Fol.178-179
[132] Fol.576
[133] Fol.577

minn Omissis.[134] Dwar dawn l-istruzzjonijiet Joseph Cassar kien ukoll kellem lill-imputat u spjegalu dak li kien mistenni minnu, u dan sehh f'Lulju, 2017 wara l-ewwel spezzjoni, fosthom li l-klieb li kellu marbutin kellhom jinhallu *"imbaghad* ***filghaxija aktar tard kien cempel David Pace, kont kellimtu fuq it-telefon, u ergajt ghidtlu l-istess diskors, biex dawk jinhallu"***[135]**.**

Il-Provi

Dan il-kaz jikkoncerna primarjament zewg tipi ta' akkuzi: vjolazzjonijiet tal-*Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali* kif ukoll attakk jew rezistenza u offizi fil-konfront ta' ufficjali tal-pulizija.

Jibda biex jintqal li kemm l-ufficjali tal-pulizija kif ukoll dawk mill-*Lands Departmet* u mill-*Animal Welfare* jirrakontaw li raw lill-pulizija jipprovaw jikkontrollaw lil Omissis li beda jipprova jwegga' lilu nnifsu. Hu biss l-imputat u ibnu li jghidu mod iehor. Ma ngabet l-ebda prova ghaliex il-Qorti ma ghandhiex tistrieh fuq il-verzjonijiet moghtija minn dawn ix-xhieda li hemm qbil unanimu bejniethom anke fost dawk li bl-ebda mod ma kienu involuti fl-arrest tal-imputat! Ghaldaqstant ftit tista' tinghata kredibbilita` lil dak mistqarr mill-imputat meta jinsisti li missieru kien qed jigi aggredit u fejn hu baqa' civili u kalm fil-hin li r-razzett tieghu beda jigi zgumbrat mill-forzi tal-ordni.

(i) Trattament Mhux Xieraq tal-Annimali (Akkuzi 1-4)

Fid-dawl tal-provi akkwiziti din il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova sal-grad rikjest li l-bhejjem li kienu mizmuma fir-razzett, li l-imputat stess jammetti kien imexxieh bl-ghajnuna ta' missieru, Omissis, ma kienux qed jircevu trattament xieraq.

Kif jixhdu r-ritratti disturbanti, instabu klieb marbutin bi ktajjen. Klieb mhux mitmughin, mahmugin fejn jidher l-ghadam hiereg minnhom. Bla dubbju dan iwassal sabiex l-annimal issofri tbaghtija w dwejjaq u konsegwentement maltrattament. Certament intwera li l-imputat naqas milli jiehu dawk il-passi ragonevoli ntizi biex jizguraw is-sahha, il-benessere tal-bhejjem. Minflok ma sabu ambjent xieraq fejn jitrabbew, forsi anke minhabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-imputat, dawn thallew jghixu fi hmieg telqa w abbandun nieqsin minn attenzjoni medika u ikel adegwat. L-istat fiziku taghhom kien minnu

[134] Fol.178-179
[135] Fol.331-332

nnifsu karba għall-għajnuna, karba li semgħuha biss l-uffiċjali tal-*animal welfare* f'Lulju, 2017.

Għalkemm l-imputat ma kienx fuq il-post dakinhar tal-ispezzjoni f'Lulju, 2017, gie ppruvat li **sar jaf** b'dak rikjest minnu in segwitu ta' dak li kkonstataw l-istess uffiċjali; dan jirrizulta mill-istqarrija tiegħu fejn isemmi li dawn gibdulu l-attenzjoni li kellu xi zwiemel magħlubin, klieb mhux iccipjati u biex jagħlef bi *dry food*.[136] Joseph Cassar ukoll jixhed li f'Lulju kien cempillu l-imputat u rega' fehmu dak rikjest minnu. F'Dicembru, 2017, l-istess uffiċjali minflok ma raw progress ltaqaw ma xeni fejn iddomina l-hmieg, zdiedet it-telqa w aggrava l-istat pjettuz li kienu fih l-annimali u senjatament **il-klieb niexfin għuda marbutin bi ktajjen mingħajr kenn diċenti. Regħhet spikkat ukoll in-nuqqas t'attenzjoni medika** għall-annimali li kienu jirrikjeduha.

Ser issir riferenza għal provi saljenti anke billi jigu riprodotti siltiet mit-testimonjanzi ta' xhieda diversi:

i. L-imputat jikkonferma li r-razzett tal-Bizbizija kien gestit minnu u kien mar hemm wara li ntbgħat minn Kastilja: *"qalli biex immur il-bizbizija...sakemm jitrangaw l-affarijiet jew ituni post alternattiv min fejn naqla l-għixien tiegħi. Ngħid li jiena mort il-Bizbizija u sadanittant jien kelli applikazzjoni oħra għall-razzett gewwa tal-Providenza, s-Siggiewi.....meta jien kont qiegħed il-Bizbizija, gew tal-lands....qalluli biex noħrog il-barra ....ma kelliex post fejn immur"*[137].

ii. Kien jaf bl-ispezzjoni li saret f'Lulju, 2017, u dak li kien rikjest minnu għax fl-isqtarrija jsemmi li l-uffiċjali mill-animal welfare gibdulu l-attenzjoni li kellu xi zwiemel magħlubin, **klieb mhux iccipjati** u biex jalef bi *dry food*[138] Cassar jikkonferma li cempillu w tarfu b'kull ma kien rikjest minnu waa l-ispezzjoni ta' Lulju, 2017.[139]

iii. Noel Montebello:

    a. *"l-klieb ikollhom body score ta' one over 5, jigifieri bazikament ikunu għadma.* ***Ma jkunux qed jigu mitmugħin. Kienu marbutin b'ktajjen,*** *jigifieri ikollhom bruises li ma jkunux jittiehdu għand veterinarju biex jikkurahom….. On leash, tkun qasira …..* ***Jigifieri kienu f'qagħda hazina***

[136] Fol.21
[137] Fol.20
[138] Fol.21
[139] Fol.331-332

***hafna. Iz-zwiemel l-istess, kienu f'kunidzzjoni hazina hafna*….. ***sittax-il ziemel*** *irid ikollok finanzi biex trabbihom u hekk sew. ".*[140]

b. Issemmi li kien hemm numru ta' klieb li ma kienux *chipped.*

c. *"iz-**zwiemel lanqas kienu qed jigu treated minn Veterinarju** ghax kieku s-Sur Pace kien jipprezentalna certifikati medici"*[141].

d. Wara l-ispezzjoni f'Lulju meta taw cans lill-imputat jirranga s-sitwazzjoni *"F'dan il-kas iva morna hemmhekk, sibna n-nuqqasijiet u tajnih ic-chances isma` irranga l-affarijiet, impruvja l-affarijiet. X'inhuma l-problemi? Hu kellu jirranga l-affarijiet, kellu jiehu azzjoni.* ***Fil-fatt sa Dicembru meta ergajna morna kwazi s-sitwazzjoni jgravat jigifieri dak li gara****"*[142].

e. Jikkontadixxi allegazzjoni tal-imputat li taha struzzjonijiet biex l-imputat ma jtihomx hafna ikel: *"kienu mitmughin izzejjed "Impossibli. Meta nara ritratt tat-tnax (12) ta' Lulju zwiemel li huma ghuda".*[143]

iv. Cahda ohra tasal propju mill-veterinarju li kien ghamel l-ispezzjoni f'Lulju, 2017, Dr. Vella Verzin: *"**Ma tajtx istruzzjonijiet li kienu over fed** sewwa. Jiena meta mmur f'dawn it-tip ta' inspections intihom rakkomandazzjonijiet ta' kif ghandhom jitmawhom u x'ghandhom jitmawhom fost affarijiet ohra.".*[144]

v. Dr. Vanesssa Messina:

a. Dwar il-*welfare conditions* tal-bhejjem li kkonstat hi f'Dicembru, 2017: ***"Poor, very poor. Horrible. Lack of veterinary care, lack of cleanliness and the stable ware were in a horrible state.".***[145] ***L-indafa kienet "Zero, Zero…. More, the animals were very hungry.*** *….. one of the horses I found out only after I exit from the stable that he has a very bad condition in one of the hooves because it* ***was full of stools till the knee… …The stable was covered with stools. Like, I don't know, like forty (40) centimetres of … Of fecious [recte: feces]. Stools****….".*[146]

---

140 Fol.39-40
141 Fol.216-217
142 Fol.218
143 Fol.219
144 Fol.228 per Dr. Luke Vella Verzin
145 Fol.174
146 Fol.175-176

b. Dwar il-kundizzjonijiet taghhom aktar qabel f'Lulju 2017 meta ghamlet spezzjoni fir-razzett: *"No animal had the same microchip number from the previous inspection. I was there also to check the microchip number. And to see if there was some animal that could be identified. Basically, some of them had the microchip but this microchip was not registered in the National Livestock Database….. And they were not registered."*.[147]

c. L-istess xhud tiddikjara li z-**zwiemel ma kienux qed jinghataw medicina** izda biss *glucose solution*. Meta mitluba mill-qorti tghid jekk din setghetx titqies bhala xorta ta' medicina, hi kategorika ghall-ahhar *"No. That's why I ask him to go either medical certification from a vet, but I never received any medical certification. So, I believe he didn't do anything. And one of the horse here…. The white one with the grey one. This one. As you can see from the picture, he has **a large wound which is called ulcer on the hip.** This is due to, usually, of course you can confirm with another vet, but this is usually **due to a lack of proteins**…..I spoke with Mr. Pace but he was not able to tell me "listen I'm giving this, this and this because it was told to me by a vet". So, no. There were no records, there were no like passport. We asked to see the passport. No passport……He had just plastic bag, like the one you find in a supermarket….. He had just a plastic bag with this bottles inside."*.[148]

vi. Dr. Luke Vella Verzin:

Dan hu xhud importantissimu propju minhabba li minbarra li kien hu li ha sehem fl-ispezzjoni li saret f'Lulju, 2017, kien sussegwentement baqa' jsegwi l-annimali li ttiehdu minghand l-imputat wara li ghaddew ghand persuni ohra fosthom ghand il-pulizija: *"biz-zmien bdejt nara z-zwiemel jimtlew, ittratajnilhom snienhom, forsi ma tafux is-snien huma importanti hafna li jkun trimjati taz-zwiemel inkella ma jieklux u jitilfu l-piz sewwa…..[qabel snienhom kienu] Jaqtghu. Suppost ma jkunux daqshekk jaqtghu. Suppost idurhomlhom kull sitt (6) xhur, dawn kienu ilhom snin. **Infatti ghalhekk kienu irqaq ghax l-ikel ma jkissruhx sew u meta ma jkissruhx sew ma jidderiguh sew, m'intix ha tassorbi n-nutrijenti. Dwan l-affarijiet spjegajnihomlu dakinhar Lulju fejn kont hemm jiena".**[149]**.***

Ipprezenta rapport li juru l-kambjament ghall-ahjar li ghamlu il-klieb[150] wara li ttiehdu minghand l-imputat. Fi kliem ix-xhud il-klieb li marru

[147] Fol.176
[148] Fol.178-179
[149] Fol.229
[150] **Dok.LVV** a fol. 231-237

ghand familji *"marru tajjeb hafna….naccertakhom li huma kuntenti hafna l-klieb"*.[151]

vii. Fiorita Maria Sammut tghid dan dwar l-ispezzjoni li saret f'Lulju: *"sibna hafna* ***zwiemel li kienu f'kundizzjoni dizastru*** *…. Body skoll [recte: score]* ***maghlubin, bruises, vuol diri griehi litteralment, bedding, ta' tahthom friex xejn… …****Meta staqsejnih jekk ux qed jikkurahom, jekk hadhomx ghand il-Vet, ghidnilu gibt veterinarju fuq il-post,* ***qalilna le, veterinarju fuq il-post ma jigix. Imur it-tifel ghand il-veterinarju jgib xi medicina u jamministraha hawn fuq il-post****…..bhala klieb kien hemm minnhom li kienu iccipjati fuq David, kien hemm tlieta iccipjati fuq David Pace, it-tifel ta' Karmenu Pace, kien hemm* ***tnejn li kienu iccipjati pero' mhux irregistrati, 4 fuq nies, persuni ohra u kien hemm il-kumplament li ma kienux iccipjati****…..[l-kundizzjoni tal-klieb]****L-istess, maghlubin, marbutin bi ktajjen hoxnin, bix-xikil minn dak it-tip ta' baqra nghidilhom jien, flok torbot kelb… Dan li jkun marbut bih il-katina bhal rota ddur, parti mill-katina ddur, tkun kbira … li jorbtu l-barrin, dak it-tip, l-istess fil-hmieg, dizastru totali.*** *Kien hemm xi tigieg u poultry u hekk."*.[152]

viii. Joseph Cassar dwar l-ispezzjoni li saret f'Lulju, 2017***: "Meta dhalna fuq il-post, sibna xena xejn pjacevoli, kien hemm <u>hmistax</u> il-ziemel, kien hemm minnhom under body score sewwa bi griehi, nuqqas ta' ikel u nuqqas ta' igene, il-post kien minnu nnifsu mahmug. Rigward il-klieb l-istess, kien hemm <u>klieb maghlubin, skalettri, bi griehi, nuqqas ta' ikel u marbutin b'manjiera tal-biza', b'katina li torbot barri mhux kelb</u>."***[153].

ix. Ix-xhieda ta' Cassar turi li altru li Pace kien jaf b'dak li l-ufficjali kkonstataw f'Lulju, 2017 u dak li kellu jaghmel biex jirranga l-affaraijiet: *"fit-12 ta' Lulju ghidnilu lil missieru biex ma jhallihomx marbutin, jikkurahom,* ***kellu klieb mhux registrati fuqu, u ghidnilu biex jirregistrahom, kellu klieb ohra li kienu registrati fuq persuni privati, ghidnilu li jekk ser izzommhom irid jaghmel it-trasferiment u tlabnih certifikat tal-veterinarju fuq kull kelb u kull ziemel****. Imbaghad fl-istess gurnata aktar tard, ghax ahna, jien kull ma ltqajt mal-missier hawnekk, Karmenu Pace, imbaghad* ***filghaxija aktar tard kien cempel David Pace, kont kellimtu fuq it-telefon, u ergajt ghidtlu l-istess diskors, biex dawk <u>jinhallu</u>"***[154]

a. Meta ra l-istat tal-annimali f'Dicem***bru,*** <u>2017 ntebah li ma kien sar xejn minn dak li kienu qalulu jaghmel</u> ***"le ma sar xejn, anzi l-***

---

[151] Fol.229
[152] Fol.445
[153] Fol.329-330
[154] Fol.331-332

***annimali marru ghal aghar mhux il-quddiem, komplew joghlbu iktar milli kienu, gew degredanti aktar milli kienu, hzienu.".***[155]

b. Wara li l-annimali ttiehdu minghand l-imputat jghid *"irrangaw aktar tard"[156].*

x. Ir-rapporti esebiti minn Joseph Cassar bir-ritratti taghhom[157] juru xeni li jkexxkxu. Jikkonfermaw l-istat hazin li kienu thallew fih l-imsemmija annimali; xejn anqas minn madwar **hmistax (15) il-kelb u hmistax (15) il-ziemel**! [158] Ma dawn jizdiedu numru ta' annimali li ttiehdu lejn il-bieccerija*:* fniek, dundjani, tigieg u majjal misjuba fuq il-post, li Montebello jghid instabu li kienu qed jigu farmed illegalment.[159]

xi. Dak li jidher fir-ritratti jitkellem wahdu. Jaghti storja ta' abbandun totali u tad-dizastu li gie deskritt mill-ufficjali tal-*animal welfare* department u mill-*veterinary regulations directorate*. Post infestat bi hmieg, bl-annimali mhollija jsiru ghadma u gilda. Ir-rapporti ta' Dr. Vella Verzin u dak kkonstat personalment minn Joseph Cassar jikkonfermaw il-kambjament u ameljorament li sar f'dawn l-annimali. Ir-ritratti partikolarment tal-klieb jimmanifestaw dan bhala stat ta' fatt.

xii. Dr. Gareth Grech dwar l-istat tal-klieb jikkorobora dak li xehdu dwaru Sammut u Cassar: *"Some dogs presented scarring in various parts of their body most likely from previous injuries: **Scarring around the neck line most likely due to being tethered for a long time with a tight collar**."*[160]

xiii. Dwar iz-zwiemel jghid li dawn ghadhom mhux f'kundizzjoni tajba u jisthoqqilhom aktar attenzjoni izda meta jikkompara r-ritratti ta' kif instabu ghal kif kienu meta ezaminhom jikkonferma li l-kundizzjoni taghhom ***"Kienet ahjar mir-ritratti.".***[161]

xiv. L-imputat jammetti li ma kienx finanzjarjament komdu biex irabbi kif mehtieg dawn l-annimali kollha tant li fittex l-ghajnuna. Madanakollu meta ra li trattament xieraq kien jitlob hafna iktar rizorsi ekonomici naqas milli jitlob li dawn l-annimali jittiehdu fil-kustodja tal-awtoritajiet u

[155] Fol.332
[156] Fol.330
[157] **Dok.JC** u **Dok.JC 1** a fol. 334 et seq
[158] Fol.445
[159] Fol.43
[160] Fol.467
[161] Ibid.

minflok zammhom fl-istat li nstabu fih. Mhemmx dubbju li din il-qaghda finanzjarja tal-imputat kienet kagun in-nuqqas t'attenzjoni medika li kienu jitolbu c-cirkostanzi. Fi kliem Pace *"Heq biex ha jinxtara l-gwiez, hemm hekk kont nonfoq qrib l-elfejn euro ta fix-xahar, mhux cucata. Biex talef dik is-sahha tal-bhejjem kollha manteniment qawwi trid."*[162]

xv. Il-Maggur Francis Seychell jixhed li l-imputat qallu li kien jonfoq il-paga kollha, €900, fuq iz-zwiemel.[163]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel erba imputazzjonijiet li jirrigwardaw reati taht l-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta***.

Il-hames u s-sitt imputazzjoni li jirrigwardaw vjolazzjonijiet tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101),*** wkoll gew pruvati:-

xvi. Noel Montebello jsemmi kif numru ta' klieb ma kienux *chipped* jew kienu *chipped* izda mhux registrati.[164] Fiorita Maria Sammut tikkonferma dan *"hemm* ***tnejn li kienu iccipjati pero' mhux irregistrati, 4 fuq nies, persuni ohra u kien hemm il-kumplament li ma kienux iccipjati...****".*[165] *Minn naha tieghu Joseph Cassar jixhed "****kellu klieb mhux registrati fuqu, u ghidnilu biex jirregistrahom, kellu klieb ohra li kienu registrati fuq persuni privati,*** *ghidnilu li jekk ser izzommhom irid jaghmel it-trasferiment u* ***tlabnih certifikat tal-veterinarju fuq kull kelb u kull ziemel".***[166]

(ii) Attakk, Rezistenza u Offizi fuq Ufficjali Pubblici

Il-Qorti ser tikkunsidra l-evidenza li ngiebet in sostenn tal-imputazzjonijiet numri seba' (7) sa disa (9).

162 Fol. 559-560
163 Fol.279
164 Fol.45
165 Fol.445
166 Fol.331-332

i. PS1438 Emmanuel Zerafa: *"Ix-xufier tal pickup hareg irrabjat minnu u beda jsabbat fuq-il-windscreen u fuq il-bieba tal-vann tal-Pulizija."*[167]

ii. PS1141 Noel Tanti: *"Cempilt lil David, saqsejtu kif baqa halli l-awtorita tibda tahdem u dan qalli* ***"jien gej issa fuq il-post, ara tohorgu rixa ghax bi kbira tkun****. …... …. malli dort il-kantuniera rajt il-vann tal-kavallerija wieqaf fin-nofs tat-trejqa, il-vann ta David quddiem jaghlaq it-triq u dak il-hin* ***rajt lil David jimbotta lil Pulizija tal-Kavallerija u jaghti fuq il-windscreen tal-vann****. Jien bdejt niprova inressaq lil David minn mal vann, fejn hin minnhom rajt lil missieru jigi immanetjat minn ta l-RIU u lil* ***David jimmanetjawh ukoll ghax beda jirresisti l-arrest****. Naf ukoll li f'din il-kommossjoni Ps691 Juan gie migdum u xi Pulizija iehor li kien wegga.".*[168]

iii. Jsemmi kemm kien aggressiv David: *"jien is-Sur Pace nafu li kien waqt li konna qeghdin fuq il-post, smajt illi gie vuol diri t-tifel ta' dan li sibna l-ewwel darba fuq il-post, qed tifhem, u* ***jiena personali rajtu b'gebla kbira f'idu ser jitfa' gol-windscreen tal-van tal-kavallerija...... Il-fatt li ma tefaghahiex ghax zammejnih ahna****....".*[169] Mill-Current Incident Report kkonfermat mill-istess Surgent Tanti jirrizulta li Pace qabad lil PS1167 minn ghonqu u PS691 safa' migdum Dan wassal sabiex Pace jigi arrestat.[170]

iv. **PS1167 David Fenech:** *"Kif wasalna fit tarf ta l-isqaq, kienet tiela karozza tal-Pulziija u minn warajha qabez vann ahmar u imblukkalna it-triq u waqaf madwar tlett piedi il-boghod. Hareg ragel minn go fih u gie fuq in-naha tieghi u cioe tax-xufier u* ***saqsieni x'se jsir miz-zwiemel u jien ghedtlu li kienu se jkunu il-kavallerija. Minn hemmhekk hu kellu xi cwievet f'idejh u beda jhabbat mal-windscreen tal-vann****..... Nghid li jiena u il-kollega tieghi hrigna mill-vann ukoll biex nippruvaw nikkalmawh. <u>Jien saqsejtu biex iccaqlaq il-vann izda ma ridtx jaf.</u>"*[171]

v. **PC1032 Saviour Schembri:** *"Ghabbejna zewg t-izwiemel fil-karru u tlaqna bil-mod. X'hin wasalna fil-kantuniera rajna karozza ta l-ALE wieqfa li nahseb kienet qed iccedilna u <u>wara rajt vann ahmar gej jigri ghal fuqna u waqaf ftit il-boghod minnha jaghlqilna it-triq.</u>* ***Rajt ragel niezel mill-vann li wara irrizulta li kien jismu David, rajtu ippanikjat u beda jdur u jaqghad quddiem il-vann u gie mal-bieba tas-surgent u qallilna x'se jsiru minnhom iz-zwiemel. Imbghad mar quddiem il-van taghna,***

[167] Fol.248
[168] Fol.262-263
[169] Fol.323
[170] Fol.13
[171] **Dok.NVZ7** a fol.283

***fetah idejh u beda jhabbat mal-windscreen. Jien inzilt u anke is-surgent bdejna nippruvaw nikkalmawh."***.[172]

vi. Tlett tobba kkonfermaw 4 certifikati medici mahruga minnhom li jirrigwardaw griehi sofferti minn Juan Mula Debono, Matthew Camilleri, Daniel Frendo u Clinton Theuma, liema griehi kollha gew certifikati bhala ta' natura hafifa.[173]

vii. PC1455 Daniel Frendo: *"Kif konna dehlin lejn l-isqaq, rajt il-vann tal-kavallerija niezel mill-isqaq u cedejnielu. Kif konna qed nistennew biex jinzel il-vann gie pick up ahmar min warajna, qabizna u baqa diehel sakemm waqaf mal-vann tal-Kavallerija. Ahna rajna ragel, li wara irrizulta li kien certu* ***David, niezel mill-vann u beda jsabbat mal-vann tal-kavallerija, ….David imma iktar beda jsir agressiv u beda jghajjat lejn il-membri tal-Pulizija. Ahna konna qeghdin ma l-anzjan u malli ra hekk iktar beda iktar ikun agressiv lejn u sahansitra jien waqajt.".*** Frendo garrab <u>feriti hfief f'subghajh tax-xellug</u>.".[174]

viii. PS1030 Clinton Theuma: *"Jien kif wasalt rajt lilt a l-RIU jippruvaw jimmanetjaw lit-tifel li wara sirt naf li jismu David u kif ukoll lis-surgent 691 bid-demm iqattar minn idu. Jien mort nassisti lil ta l-RIU peress li ma setghux irraznuh peress li beda jirressisti l-arrest meta kont qed nipprova inlibbislu il-manetti* ***beda jissara mieghi fejn irwieli idejja u weggani****….. Fuq il-post kien hemm mara anzjana u tifel fejn dawn bdew jghajjru u joffendu il-Pulizija u jghidulna biex inhalluhom….* ***Jien hassejt ugiegh kbir f'idejja*** *fejn tal-lands department wassluni il-Klinika tal-Mosta"*.[175]

ix. PC1391 Matthew Mike Camilleri: ***"David fejn beda jxejjer idejh, jsabbat kemm mal-windscreen tal-vettura tieghu u kif ukoll fuq il-windscreen tal-vann tal-Kavallerija, beda jajjar lil Pulizija tal-Kavallerija u kif ukoll beda jipprova jhebb ghall-Pulizija ta l-ALE.*** *Naf li jien u is-urgent Juan* ***morna fuq David Pace sabiex nikkalmawh fejn dan ma riedx jikkalma u pprova jhebb ghas-surgent*** *fejn qabdu u resqu lejn il-land rover u zammu b'tali mod li David gie sidhru mal-Land Rover u is-surgent sidru ma dahru. Is-****surgent beda jipprova jikkontrollah fil-waqt li jien hadtlu idejh sabiex inlibbislu il-manetti izda f'hin minnhom smajt lis-surgent jghajjat bl'ugiegh fejn anke rajt***

[172] Fol.287

[173] **Dok.NVZ-NVZ3** a fol. 242-245. Dr. Julian Grima a fol.452; Dr. Marilyn Baldacchino a fol.456 u Dr. Amalia Camilleri Bonello a fol.458

[174] Fol.252-253

[175] Fol.267-268

***id-dmija ma jdejh li wara irrizulta li kien gidmu David Pace f'subajh.*** *…. Meta rajna li s-sitwazzjoni kienet kalma ahna tlaqna minn fuq il-post u morna fil-klinika tal-Mosta. Hemmhekk gejna invistati mit-tobba u hargulna certifikat kull wiehed fejn jien irrizulta li kelli ugiegh fil-polz.".*[176]

x. PS691 Juan Mula Debono: *Jien mort fuq David u bdejt nghidlu biex jikkalma u jieqaf mill-ghajjat izda kollu kien ta xejn. Meta kont qieghed vicin tieghu prova jerga jmur lejn il-vann tal-kavallerija u dak il-hin jien zammejtu, mexxejtu lejn quddiem tal-Land Rover u gejn f'posizjoni li dahru kien ma sidri u tfajt idejja minn wara darhu ghal sidru biex inzommu. Domna ghal ftit sekondi fejn beda jipprova jimbotta u kompla jghajjat "Hallini ha mmur ghaz-zwiemel" izda jien bqajt inzommu.* ***Wara ftit baxxa rasu u gidimni f'subajja il-kbir tan-naha tal-lemin. Hassejt weghha kbira u beda jtini b'saqajh bl'lura.".***[177]

xi. PC64 Tonio Sultana: *"Jien rajt it-tifel li wara sirt naf li jismu David li kien agitat hafna u kellu sidru mal-Land Rover u kien qed jigi immanetjat minn ta l-ALE u ta l-RIU. Is-surgent 691 beda jzommlu idu u jien mort nassistieh u bdejt nghidlu biex jieqaf jirrezisti.* ***Waqt li is-surgent Juan kien qieghed jiprova izomm lil David, jien rajt lil David jigdem subajn is-surgent.".***[178]

Konsiderati dawn il-provi l-Qorti ser tghaddi biex taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija **Il-Pulizija vs Daniele Festari u Redeemer Bonnici:**[179]

> Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita' ……
>
> Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja

176 Fol.291-292
177 Fol.257-258
178 Fol.303-304
179 Per Onor. Magistrat Aaron Bugela; Deciza 30 ta' Settembru, 2015

intrinseka ta' dik l-ordni.[180] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:- kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt……..

Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument Bonnici kellu raġun iħossu inġustament arrestat, ir-reazzjoni tiegħu ma kellhiex tkun dik deskritta mill-Pulizija li xehdu f'dan il-każ. L-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Pulizija huwa ma rrikorriex għall-metodu legali biex jagħmel ir-rimostranzi tiegħu ċjoe li **jobdi l-ordni leġittimu mogħti mill-pulizija bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-ordni.** Kieku għamel hekk l-effetti ta' dan l-inċident ma kienux ikunu daqshekk gravi kontrih. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza. U jekk kellu raġun, issa spiċċa li poġġa lilu nnifsu fit-tort.

Issa għalhekk f'dan il-każ ta' Redeemer Bonnici l-Qorti tqis li għandu japplika dak li għallem l-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn qal li : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

…….

Il-Qorti terġa ttenni dak mistqarr aktar il-fuq fis-sentenza ġja ċitata ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn l-Imħallef harding qal li : -

> Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Jirriżulta li meta seħħ dan l-inċident u ps 887 ġie mbuttat lura, huwa kien qiegħed fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu kif ukoll jeżerċita setgħa fil-vesti tiegħu ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li l-Pulizija de quo, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ġie attakkat (jew aħjar attakkati – għax kien hemm aġenti tal-pulizija oħra li sofrew konsegwenzi) bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, **fil-waqt** li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi **u** l-attakk jew reżistenza hija sorretta kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll

[180] Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Gunju 1997.

mid-dottrina. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Inoltre, fil-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deċiż nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tingħata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti ġiet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-eżekuzzjoni tal-liġi hija meħtieġa. Hekk per eżempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali ta' diversi Stati Taljani, inkluż dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi għar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Malti jidher modallat), jagħti s-segwenti eżempju : -

> 8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg."* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirriżulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjaħ minflok "ribellione" u dan fuq it-tagħlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bażi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jiġu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pożittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente

tendono a conflittarsi" u ċioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem għalhekk antagoniżmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-eżercizzju tiegħu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** ntqal:[181]

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

[181] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

L-ufficjali tal-pulizija, li whud minnhom sfaw mwegga', sfaw attakati u saret rezistenza kontra taghhom propju fil-hin li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, meta kienu qed issegwu ordni li jizgumbraw ir-razzett li kien qed jigi gestit mill-imputat.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, il-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom perfettament fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali aktar milli fl-artikolu 95.

Giet pruvata wkoll l-akkuza numru disa' (9) fejn jirrizulta li l-imputat ghamel offizi ta' natura hafifa fuq numru ta' ufficjali tal-pulizija.

(iii) Recidiva

Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva.

Il-Piena

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tal-akkuzi addebitati lill-imputat fejn fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet irrizulta li dawn twettqu fuq medda ta' zmien u ma kienux dovuti ghal xi att izolat. Ghalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Tqieset il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta manifestament li dan mhux xi *first-time offender* u fejn instab hati ta' delitti Kontra l-Persuna u ta' delitti t'Inġurji u Vjolenzi kontra Uffiċjali Pubbliċi; reati tal-istess natura bhal dawk li gie addebitat bihom fl-akkuzi numru 7 sa 9. Donnu ma tghallem xejn mill-opportunaijiet li l-qrati, meta ma imponewx pieni karcerarji, tawh wara is-sejbien ta' htija fl-okkazzjonijiet differenti. Fil-fatt jirrizulta mill-istess fedina penali li l-imputat instab hati fil-passat ta' offizi hfif fuq il-persuna (15.03.2002), offizi gravi fuq il-persuna (22.04.2005), ingurja u theddied versu l-Ispettur Tony Cachia, tfixkil fil-qaddi ta' dmirijiet l-istess ufficjal; sewqan minghajr licenzja (26/06/2012) u theddied u ingurja fuq Pulizija (24.04.2014).

Gie kkunsidrat ukoll in-numru konsiderevoli ta' annimali (madwar hmistax il-kelb u hmistax il-ziemel/pony) li kienu qed issofru minn maltrattament. Dan minghajr ma jittiehed kont tal-poultry, fniek u majjal li kienu anke fuq il-post.

Ittiehdet konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom anke tal-fatt li l-istat finanzjarju tal-imputat seta' verament ma ppermettilux jaghti kura serja u misthoqqa lill-bhejjem tieghu. Izda bhal bniedem li ghal xi raguni ma jibqax jista' jiehu kura adegwata ta' dawk il-persuni fdati fil-kura u kustodja tieghu, fejn jitnissel fuqu obbligu li jfittex l-ghajnuna ta' terzi, l-istess kellu jaghmel David Pace fir-rigward tal-bhejjem li kien qed izomm fi-razzett imexxi minnu.

Minflok halla dawn il-hlejjaq fl-istat degenerat li nstabu fih, Pace kellu obbligu jirrikorri ghand l-awtoritajiet sabiex dawn jiehdu hsiebhom huma u b'hekk jibdew jircevu dak it-trattament li kienu jinhtiegu, inkluz dak mediku. Jghaddihom fil-kura tal-Istat jew organizazzjoniijiet li setghu jindukrawhom ferm ahjar minnu. Ma ghamel xejn minn dan ghajr li fittex li jinghata razzett alternattiv, kif jistqarr fl-interrogazzjoni minn tieghu.

Ovvjament dan ma jnaqqas xejn mill-krudelta` murija minnu meta zamm klieb ghadma u gilda kkatenati, esposti ghall-elementi; inkluz klieb li kienu jappartjenu lil terzi. Klieb li malli mhollija mill-ktajjen u mpoggiha ghand familji wrew kambjament u progress kbir f'dak li hi dehra u kundizzjonijiet ta' sahha.

Fir-rigward tal-ewwel erba' (1-4) imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena tkun l-istess wahda kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Hi din il-piena l-aktar gravi; dan jinghad ghall-finijiet ta' dak li jipprovdi l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.[182]

L-imputazzjonijiet numru 7 u 9 huma assorbiti fit-tmien (8) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 95, 96(a), 221(1) u 222(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7(1)(a)(b)(c), 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta,*** u r-regolamenti 5(2)(10) u 11 tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101),*** filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-erba (4) snin millum, **u**

[182] Il-piena fiz-zmien li twettqu dawn ir-reati kienet kif gej:
(*a*) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

**multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)** pagabbli fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' **€2,415** rapprezentanti nofs l-spejjez peritali.

Tordna li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapporti tal-Animal Welfare Department[183] u li llum jinsabu mizmumin ghand terzi inkluz iz-zwiemel mizmuma fis-Sezzjoni tal-Kavallerija tal-Pulizija, **jghaddu immedjatament taht il-kustodja tal-istess Animal Welfare Department.** Dan id-Dipartiment qed jigi awtorizzat, f'kaz li jigi deciz minnu li tali annimali ma jistghux jinzammu minnu, li permezz ta' talba maghmula appozitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkoncernati jew xi wiehed minnhom jghaddu fl-affidament ta' terzi.

Il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta peress li tali spejjez baqaw ma gewx konfermati bil-gurament mid-dipartiment ikkoncernat u lanqas ma gew kwantifikati fl-intjier taghhom.

Inoltre` ai termini tar-Regolament 5(9) tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101),*** l-imputat qed jigi projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi licenza oħra ta' kelb għal zmien hmistax (15) il-sena mil-lum.

Jigi sottolinejat li fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tinsab l-ebda disposizzjoni simili li tippermetti l-Qorti, wara sejbien ta' htija ghall-ksur ta' xi disposozzjoni taht dan l-Att, li tipprojbixxi lill-hati milli japplika, jakkwista jew izomm licenza ghal perjodu ta' zmien skond kif tista' tiddetermina l-Qorti.

Finalment ghalkemm il-prosekuzzjoni qed titlob ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attivita regolata taht l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta l-Annimali u ghal spejjez ohra, minn imkien ma jirrizulta li din il-Qorti ghandha s-setgha jew xi poter li taghmel dan, Fil-fatt l-artikolu relevanti hu propju l-artikolu 45(2) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali,***

[183] Animal Welfare Inspection Report, **Dok.LVV** a fol. 53 et seq., **Dok. JC** a fol. 134 et seq; **Dok. VM1** a fol 101 et seq u **Dok. VM2** a fol. 109.

***Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta,*** li jinvesti b'din is-setgha unikament lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew lil uffiċjal li ghandhom dawn is-setghet. Ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din is-sentenza ghandha tintbghat lil Ministru għal Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u lil Ministru ghall-Gustizzja.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**